- Fl-Artikoli 17, 18, 31 202, 208AC(2), 251, 251H, 251HA u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 3, 5 u 51(1) ta' l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 15 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 261, 263, 265, 267, 268, 270, 279(a)(b) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[85] Fol. 998 tal-proċess.
[86] Fol. 998 u 999 tal-proċess.

U bagħat lill-imputat Ian Xuereb waħdu sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 17, 533 u 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

L-**Ispettur Eman Hayman**[87] xehed illi *fit-23 ta' Mejju 2020, il-Pulizija kienet irċeviet rapport mingħand Karen Attard u Christian Vella esprimew l-inkwiet tagħhom fuq iz-ziju tagħhom Silvio Vella. Fil-bidu tar-rapport ma kienx hemm il-ħtieġa ta' xi ħaġa kriminali għaddejja peress li r-rapport kien li dan Silvio Vella, iz-ziju tagħhom, kien sab partner ġdida li kienet ferm iżgħar minnu. Biss meta staqsejna iktar dettalji kien hemm dettal li kien qiegħed jinkwetana li dan iz-ziju kien jgħid li qed joħroġ ma' ċerta Simone Xuereb, li jiena qed nagħraf in Awla, u magħha kien daħal fil-ħajja tagħhom u jgħix magħhom ċertu Ian Xuereb, li jiena qed nagħraf ukoll in Awla, illi kien ippreżenta lil Ian u lil Simone bħala aħwa u meta għamilna l-verifiki tagħna aħna sibna li Ian u Simone Xuereb huma proprju miżżewġin u mhux aħwa. L-inkwiet tan-neputijiet kien kbir u biex inserħu proprju il-moħħ tagħhom konna ħadna rapport ta' missing peress li ħadd ma kien jaf fejn jinsab iz-ziju tagħhom Silvio u l-Pulizija bdiet tagħmel diversi tentattivi biex proprju tintraċċah fosthom b'letters to call fl-indirizz fejn kien jgħix Silvio li hija "Bodmill* [recte: Bodmin] *Lodge" Triq Sant' Antnin, Marsaskala ... f'indirizz Buġibba f' "Carmen House" Triq ix-Xitwa, San Pawl il-Baħar, fejn hemmhekk il-Pulizija ta' Buġibba kienu ċempluli u kienu qaluli li ma jgħix ħadd bl-isem ta' Simone u Ian Xuereb, kienu tawni d-dettalji tal-persuna li kien kellimhom li proprju huwa l-għarus tat-tifla ta' Simone. Wara ftit ġranet li marru l-Pulizija ta' Buġibba, fl-aħħar il-Pulizija ta' Bormla kienet irċeviet telefonata mingħand Silvio. Silvio kien qed jitkellem mal-Pulizija u bl-ebda mod ma kien qed jikkonvinċi ruħu biex jiġi l-Għassa. Għaldaqstant għaddew it-telefonata lili, bdejt inkellem lil Silvio u bdejt nisma' b'mod kontinwu tkellmu u tidderiġieh f'kull risposta tiegħu. Minn naħa tiegħu Silvio beda jipprova jikkonvinċini biex ma jiġix u għaldaqstant jiena tfajtu fix-xenarju li l-familjari tiegħu kienu għamlu rapport fil-konfront tiegħu sabiex naraw naqra x'ġara u ma ġarax u wara tant ħin ikkonvinċejtu w in fatti ġie l-Għassa. Silvio daħal l-Għassa u Ian u Simone baqgħu barra. Fil-frattemp kien hemm għotja ta' videos minn naħa tal-kwerelanti li kienu ġabuhom minn Facebook u TikTok u fil-Facebook u Tiktok kien hemm ritratti u videos li juru lil Ian u Simone isuqu karozza li proprju kienet għadha reġistrata fuq Silvio, kien hemm Ian u Simone ġod-dar ta' Silvio u kienu qegħdhin daqqa jsajru, daqqa jiċċajtaw flimkien u Silvio qisu ma tantx kien qed jidher xi ħafna. Kien hemm ukoll reklamar naqra dettaljat sabiex proprju tinbiegħ din id-dar ta' Sivlio.*

L-Ispettur Hayman xehed ulterjorment illi *jiena kellimt lil dan Silvio waħdu u hemmhekk Silvio kien qalli li huwa kien qiegħed urtat mal-familjari tiegħu jiġifieri ma' min għamel ir-rapport, qal li hu kellu 63 sena, tfal ma kellux u ried jibda ħajja ġdida u proprju sab din il-ħajja, l-imħabba ta' ħajtu u qed jirreferi għal Simone. Qalli li kien ser ikollu baby minn Simone iżda sfortunatament dan il-baby korra*[88] *u saħansitra xi ġranet qabel kien għamel konvenju ħalli mill-flus ta' dan il-bejgħ tinxtara d-dar tagħhom, meta ngħid tagħhom jiġidieri tal-koppja Silvio u Simone, li f'moħħu hu kien qed jgħix il-ħajja ta' koppja magħha. Kien urtat mal-familjari għax hu kien konvint li l-familjari ma rieduhx li jkun kuntent, riedu li proprju l-affarijiet tiegħu jieħduhom*

---

[87] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Awwissu 2020, fol. 258 sa' 267 tal-proċess.
[88] Fatt dan li jirriżulta kkonfermat mix-xhieda ta' Dr. Astrid Camilleri mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2021, fol. 726 u 727 tal-proċess, u d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "AC" a fol. 728 sa' 730 tal-proċess.

*huma u kien qed jarahom bħala xkiel għall-kuntentizza ta' ħajtu. Jiena imbagħad proprju staqsejtu min hi Simone u min hu Ian u kien aċċertani li huma aħwa u li hi l-imħabba ta' ħajtu u li l-familja tiegħu kienu qed jigdbu fuq dawn il-fatti. Minn hawnhekk ħadt l-inkarigu li nispjega lil Silvio l-verità ta' l-identità mingħajr ma nidħol fil-mertu ta' l-għażliet ta' ħajtu. Hu anki ġie muri videos fejn kien hemm Ian u Simone ġewwa l-Isptar b'ritratti relatati tal-baby li sfortunatament miet, ukoll ultrasound ta' dan il-baby u dejjem kien ikun hemm Ian u Simone u l-ispjegazzjoni kienet illi l-Isptar kienu qed iħallu biss a family member u kien qed iħallu lil Ian jidħol peress li jekk ikun hemm xi problemi, Ian u Simone għandhom l-istess demm u Ian ikun jista' proprju jagħti l-istess demm. Din l-ispjegazzjoni kienet tatha lil Silvio, Simone. Fir-rigward ta' kif ġie konċeput dan il-baby, Silvio kien spjega li kienu qed imorru għand gynaecologist, kienu ħadu xi parir fuq intra-insemination u mingħajr ma daħalli f'dettal kien qalli li proprju dan il-baby kien sar billi għamel xi donazzjoni ta' l-isperma tiegħu. Wara li jiena żvelajtlu l-identità, Silvio kien daqsxejn mifxul u għaldaqstant jiena għamilt konfront bejn Silvio u Ian u Simone n-naħa l-oħra fejn meta jiena qiegħed nippreżenta dawn id-dettalji, Ian quddiem wiċċi beda jgħid li huma aħwa, l-omm hija differenti, il-missier huwa l-istess imma jekk tara ċ-ċertifikat hemm żball, il-missier huwa l-istess allura jiġu aħwa. Iżda meta mbagħad jiena żidt fid-dettal u urejt lil Ian li huma miżżewġin, Ian waqaf minn dan ir-raġunar u proprju kien stieden lil Silvio li jħalli l-passat warajh u jerġgħu jkunu ħbieb. Silvio kien fi stat ħażin ħafna saħansitra qalli li kien lest jagħmel kummiedja u joqtol lilu nnifsu u għaldaqstant kont tlabthom li huma jillargaw ħalli nċemplu lill-familjari biex dejjem inkomplu nagħtu priorità dejjem għas-saħħa ta' Silvio. Silvio ttieħed id-dar mill-Pulizija u kien ġie Christian u mal-ħin kien sar ftehim sabiex Ian u Simone jiġu fejn id-dar ta' Sivlio ħalli proprju jieħdu xi affarijiet u jħallu xi affarijiet, fosthom il-karozza li semmejt iktar kmieni li kienet fuq isem Silvio Vella. Il-Pulizija fuq il-post kienu ħallew il-karozza quddiem il-bieb tad-dar, talbu ċ-ċwievet lil Ian, Ian tah iċ-ċwievet u qalilhom li ma hemm l-ebda spare key u Ian u Simone kienu imxew mid-dar ta' Silvio direzzjoni lejn l-HSBC li hija triq għan-niżla. Kien hawn li proprju, peress li kien fi stat ħażin, kont ġejt infurmat li Silvio kien bela' xi pilloli meta kien ġod-dar u beda jagħmel ħafna għajjat u storbju, illi kien ittieħed l-Isptar u fosthom kien ċempilli Christian li apparti r-relazzjoni nnifisha kien hemm nuqqas kbir ta' affarijiet u kif ukoll żieda t'affarijiet, xiri t'affarijiet bħal televisions, affarijiet li qatt ma kien ra Christian in-neputi ta' Silvio. Dawn l-affarijiet kienu jidhru li saru minn xi xiri li kien ġie imġiegħel jixtri Silvio permezz ta' cheque book. Wara li Ian u Simone telqu, Silvio ittieħed l-Isptar, Silvio reġa' inġieb id-dar minn Christian fil-ħin ta' nofsillejl u nstab illi l-karozza, il-Vitz, ma kienetx għadha hemmhekk. Għaldaqstant gjaladarba li ċ-ċwievet kienu ttieħdu u ma kienx hemm spare keys, kien iddaħħal rapport ta' serq ta' din l-imsemmija karozza.*

Xehed ukoll illi *eventwalment ġie skoprut dettal iktar li mill-affarijiet li kien hemm neqsin mid-dar kien hemm ħames armi tan-nar. Jiena b'xi mod jew ieħor kont għamilt kuntatt ma' Ian fejn kont kellimtu, kont għedtlu li dawn l-armi qegħdin jinkwetawni u jekk jaf xi ħaġa fuqhom, kien innega li b'xi mod ra, mess jew biegħ jew ħa xi armi u meta mistoqsi fuq il-karozza kien qalli li l-karozza kien ħadha hu u kien ħalliha Ħal-Luqa. Spjegajtlu in breve li l-karozza ma kellux jeħodha, bgħatt lill-Pulizija fl-inħawi ta' Ħal-Luqa iżda din il-karozza ma stajniex insibuha. Wara tant ħin, il-Pulizija li kienu xogħol pajżana kienu nfurmawni illi l-karozza kienet Buġibba, triq viċin fejn proprju kienu jgħixu oriġinarjament Ian u Simone Xuereb. Sa' dak l-istadju jiena ma tantx kelli xi kooperazzjoni mingħand Silvio u Silvio kien ittieħed l-Isptar Monte Carmeli u qisu wara ftit ġranet kien ġie jkellimni Dr. Trigona fejn qalli li Silvio xtaq ikellimni, kien qed joħroġ ħafna iktar dettal u li hu minn naħa tiegħu kien iffirmah li jista' jiġi mitkellem*

*mill-Pulizija. Jiena għażilt li ninterroga lil Silvio u staqsejtu jekk proprju riedx li jkellem avukat u għażilt din it-triq peress li seta' jinkrimina ruħu u qed nirreferi għall-armi. Kien hawnhekk li proprju Silvio beda jirrakkonta kif iltaqa' ma' Simone mill-Facebook, li Ian kien ippreżenta ruħu bħala ħuha. Kien qalli li Simone kienet iġġiegħlu jaqbad ic-cheque tal-pensjoni u jsarfu mingħand Coppini u l-flus kollha kienet teħodhom kollha hi. Spjegali fuq il-karozza nnifisha li kellu karozza KIA u kien biegħha proprju biex jixtri Toyota Yaris ta' kulur sky blue għal Simone u kien hemm il-pjanijiet li jixtri karozza għal Ian. Beda jsemmili li kien kien hemm il-konvenju nnfisu. Qalli wkoll fuq l-armi tan-nar li proprju kienu qalulu l-ħtieġa li dawn l-armi … jiġu jew mislufa jew mibjugħa lil diversi nies sabiex jieħdu xi flus u ftakar li kienu bil-KIA iżda ma jiftakarx l-inħawi jew in-nies lil proprju kienu għamlu dawn l-vjaġġi sabiex dawn il-ħames armi jingħataw jew jiġu mislufa lin-nies peress li hu kien jitħalla fil-karozza. Fir-rigward tal-konvenju kien qalli li kienu marru għand in-Nutar Ian Spiteri. Hu kien ħafna kuntent ma' Simone u dejjem ra x'jagħmel sabiex proprju jżommha kuntenta lil Simone peress li hi kienet il-partner, il-girlfriend tiegħu. Proprju fil-bidu ta' l-inkontru bejniethom huma kienu qegħdin jgħixu Buġibba imma hu kien stieden lil Simone u lil Ian, li sa' dan l-istadju Ian kien ħu Simone, ġod-dar tiegħu u kien minn hemmhekk illi kien irrakkuntali li Simone ma kenitx tħallih jorqod ħdejha, kienet ħallietu jorqod xi darba jew darbtejn imma kienet qaltlu li hu jonħor u kienet ħa tħalli lil ħuha jorqod ħdejha ħalli hu ma jkollux inkwiet li qed torqod ma' raġel estraneju. Semmieli wkoll fuq ix-xiri li kienu marru minn diversi ħwienet u dan ix-xiri kien isir mic-cheque book tiegħu. Kienu jmorru ġol-ħwienet, kienu jixtru x-xiri, kien hemm ħwienet tal-babies bħal Mothercare, kien hemm Top Choice fejn kienet issir ix-xirja u electronics, kien hemm il-JB Stores u ħwienet oħrajn fejn kienet issir ix-xirja u meta jiġi l-ħlas, proprju Silvio kien jiffirma c-cheque book. Ġara li l-flus ta' dak il-kont spiċċaw u hu kien qed jirċievi diversi telefonati mingħand is-sidien tal-ħwienet kif ukoll mal-bank u l-bank kien ukoll saħansitra ikkonvinċewh sabiex jagħtihom lura c-cheque books ħalli proprju ma jkomplix jikteb cheques għax kien qabad ritmu kbir wisq fir-rigward tac-cheques maħruġa. Fir-rigward ta' flus fiex kienu jintefqu l-flus kontanti, Silvio kien qalli li ma kienx jara sold, biss kien ċert li b'mod regolari kienu jmorru ġo pompa tal-petrol sabiex tinxtara d-droga, smack, li din id-droga kien jara lil Ian jagħmel użu minnha ġol-post, id-dar tiegħu f'Marsaskala. Mistoqsi f'liema kamra kien proprju jagħmel dan l-użu u Silvio kien qalli lli l-kamra tas-sodda, il-main bedroom tal-post tiegħu f'Marsaskala kien ġie ikkapparat minn Ian u Simone u hu kien jorqod isfel u rari kien jitħalla jidħol u kien hemm il-ħtieġa li proprju jħabbat mal-bieb tal-kamra tas-sodda qabel jidħol u proprju ġieli ra dan l-użu. Kien hemm kamra tas-sodda oħra li kienet ġiet ikkapparata mit-tifla ta' Simone u mill-għarus tagħha. … Semmejt il-vettura Kia kienet inbiegħet u proprju kienet inxtrat biex Simone tkun tista' ddur biha. Fir-rigward ta' l-ID Cards sottomessi fil-proċess*[89]*, hemm ID card ta' Ian Xuereb li l-indirizz tiegħu huwa 75 "Bodmill* [recte: Bodmin] *Lodge", Triq Sant' Antnin, Marsaskala, u proprju iktar tard mal-ħin konna skoprejna mis-sigurtà soċjali li kienet saret applikazzjoni minn Ian sabiex ikun jista' jagħmilha ta' carer ma' Silvio. Din l-applikazzjoni ovvjament twaqqfet għax is-sigurtà soċjali ġew infurmati b'dan kollu. Fl-istess ambitu ta' dan iż-żmien kienu ttieħdu diversi ritratti ta-post, ġol-post mort ukoll, rajt l-affarijiet li kienu nxtraw fosthom television naqra kabbari fil-kamra tas-sodda ta' Silvio kif ukoll xi affarijiet oħra. Fil-garaxx tad-dar ta' Silvio kien hemm ammont ta' għodda li kienet tneħħiet u Silvio kien stqarr li kellu ħafna għodda w affarijiet illi kienu ġew mibjugħa minn Ian u Sinome mill-Facebook. F'dik il-ġurnata li semmejt li Silvio kien ġie spjegat*

[89] Dawn ġew esebiti minn Joseph Rivans in rappreżentanza ta' Identity Malta waqt is-seduta tal-21 ta' Lulju 2020, fol. 231 u 232 tal-proċess, Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 233 sa' 237 tal-proċess.

*x'ġara u x'ma ġarax u l-Pulizija marru biex proprju jżommu l-karozza quddiem il-proprjetà ta' Silvio, ġewwa dik il-karozza kien hemm tablet u dik it-tablet kienet ġiet konfermata li tintuża regolament minn Simone Xuereb u Simone saħansitra kienet sostniet li dak kien rigal mingħand Silvio u riedet dan it-tablet lura. Bħal kull oġġett teknoloġiku kien sar l-analiżi fuqu u f'dan it-tablet kien instab ritratt ta' wieħed mill-pistoli li kien miżmum fis-safe. Mistoqsijiet dwar dan ġew mistoqsija lil Simone iżda ma kellhiex ideja proprju kif kien hemm dak ir-ritratt.*

In kontro-eżami l-Ispettur Hayman stqarr illi l-ewwel darba li kien kellem lil Silvio Vella fuq telefon u kien sema' leħen ta' mara jitkellem warajh, dak il-ħin ma kienx jaf min kienet din il-persuna iżda insegwitu meta ltaqa' ma' l-imputata Simone Xuereb huwa għarafha mill-vuċi li kienet l-istess persuna. Apparte minhekk matul din it-telefonata ma' Silvio Vella, l-Ispettur sema' lil din il-mara tgħid *"għidlu x'bagħthom jagħmlu lill-Pulizija f'Buġibba? Għaliex bgħatt lill-Pulizija hemmhekk?Werwirtu lit-tifla!"*.

F'xhieda ulterjuri li ta waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2020[90], l-Ispettur Hayman iddikjara li dakinhar ta' l-arrest ta' l-imputati huwa kien sab is-somma ta' €1,350 flus kontanti fuq il-persuna ta' l-imputata Simone Xuereb. Peress illi minn dan l-ammont l-imsemmija imputata ġġustifikat l-ammont ta' €650 bħala appartenenti lilha, dik is-somma ġiet ritornata lilha iżda peress illi ma setgħetx tiġġustifika b'mod sodisfaċenti r-rimanenti ammont ta' €700, dawn ġew issekwestrati minnu u esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri bħala Dok. "GVX1". Fis-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2021[91], l-Ispettur Eman Hayman ippreżenta, fost affarijiet oħra, diversi fatturi maħruġa minn Top Choice relattivament għall-oġġetti akkwistati minn Silvio Vella, flimkien maċ-ċekkijiet li ma ssarfux, a fol. 628 sa' 649 tal-proċess.

**Christian Vella**[92] ikkonferma li fit-23 ta' Mejju 2020 hu u oħtu Karen Attard għamlu rapport mal-Pulizija fir-rigward ta' zijuhom Silvio Vella. Ir-rapport kien fis-sens li huma kellhom suspett li zijuhom kien qed jiġi frodat jew manipulat b'xi mod. Huwa stqarr illi *fil-bidu ta' Frar, wara li kien ilu seba' snin jiġi d-dar għandna ġie b'ittra d-dar li ltaqa' ma' tfajla ta' 35 years u li ħa jieħu l-aħħar ċans ta' ħajtu f'relazzjoni u li ser jibda din ir-relazzjoni magħha. Minn hemm dejjem bdew jinqalgħu affarijiet li huma strambi. Wara ftit reġa' ċempel id-dar u qalilna li ħa jagħmel lill-ommi parrina għax ħa jkollu baby, imbagħad wara ftit reġa' ċempel għax ħa jbiegħ id-dar ta' Wied il-Għajn ħa jixtri penthouse Buġibba, u dejjem l-affarijiet jiggravaw. F'daqqa waħda tlifna l-kuntatt tiegħu qisu għal erba' ġimgħat. ... fit-22 ta' Marzu meta kienet inqabdet din tal-Covid bdejt nibgħatlu messaġġi peress li dan li huwa raġel pensjonant biex kemm jista' jkun ma joħroġx u ma joqgħodx jiġri lil hemm u lil hawn u l-messaġġi fuq in-numru tal-mobile li kellu huwa - 79636681 - ma bdewx jidħlu. ... Wara ftit erġajna rċevejna mingħandu u qalilna biex ma nfittxuhx la fuq Facebook, la fuq Whatsapp u lanqas fuq mobiles oħra u tana numru tal-mobile li huwa 99785573. ... Bdejna nissuspettaw li tipo nqala' xi ħaġa. Imma ġara fit-22 ta' Mejju ta' din is-sena li kien il-Gimgħa, oħti rċeviet messaġġ bil-lejl li huwa allright u li qed jimmissjana. Oħti l-għada ġiet id-dar, kien is-Sibt 23 ta' Mejju 2020, u bdejna nitkellmu fuq din il-biċċa tax-xogħol u peress li ġieli semma' isem Amanda Vella u meta bdejna nfittxu fuq Facebook, l-isem qatt ma tela' jew jitla' u jkun profile fittizju.*

---

[90] Fol. 347 u 348 tal-proċess.
[91] Fol. 626 u 627 tal-proċess.
[92] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Settembru 2020, fol. 271 sa' 283 tal-proċess.

Christian Vella stqarr li Silvio Vella kien anke semma' l-isem Simone u finalment Facebook huma sabu l-profile ta' l-imputata Simone Xuereb fejn fuqu sabu diversi ritratti, inklużi tad-dar ta' Silvio Vella kif ukoll tal-karozza tiegħu. Kien hemm ukoll ritratti tal-baby, li sfortunatament miet, u minn hemm indunaw li r-relazzjoni bejn l-imputati, li skond ma kien qalilhom Silvio Vella kienu aħwa, in verità kienet relazzjoni ta' raġel u mara. Skontu *ma tridx tkun ġenju, kif tidħol fuq Facebook u tara ċertu ritratti tinduna li dawn mhux aħwa, jiena għandi oħti imma ċerti affarijiet magħha speċjalment jiena ma norqodx ma' oħti ġol-kamra tas-sodda. Huma fuq Facebook tefgħu kollox li jorqdu ġo l-istess sodda u dawn l-affarijiet u dejjem jitkellmu ġos-sodda ta' zijuwi li hija l-main bedroom tiegħu li qiegħda fuq.* Silvio Vella kien infurmahom li fis-26 ta' Mejju 2020 huwa kellu appuntament biex isir konvenju għall-bejgħ tad-dar tiegħu u kien hawn li Christian Vella u oħtu iktar saħħew is-suspetti tagħhom fir-rigward ta' l-imputati u għamlu r-rapport mal-Pulizija. Dakinhar tar-rapport huwa ċempel lil Silvio Vella u meta kkonfrontah dwar min kienu l-imputati dan, fir-rigward ta' l-imputata Simone Xuereb qalilhom li hija it-tfajla tiegħu u dwar l-imputat Ian Xuereb stqarr *dan Ian hu t-tfajla*. Dak il-ħin Christian Vella kellem anke lill-imputata Simone Xuereb u meta staqsiha min hi, hija weġbitu *jien t-tfajla ta' Silvio*. Għalkemm huwa għamel minn kollox biex jiltaqa' ma' Silvio Vella, speċjalment qabel ma jsir il-konvenju, ma rnexxilux u kull meta ċempillu dejjem sema' mara minn warajh tgħid *le, le ma nistgħux.* Xi jiem wara kien l-istess Silvio Vella li għamel kuntatt miegħu, minn fuq il-mobile number 99709066, li in segwitu rriżulta li kien jintuża mill-imputata Simone Xuereb u fir-rigward ta' liema kien hemm bilanċ pendenti mal-Vodafone tas-somma ta' €1,400, u qallu li ried ikellem lil zitu għaliex din kienet għamlet rapport mal-Pulizija li Silvio Vella kien *missing*. Hawn Christian Vella tkellem kemm ma' Silvio Vella kif ukoll ma' l-imputata Simone Xuereb, li dehru rrabbjati għaliex sar dan ir-rapport, u huwa sfidahom li jekk ma għamlu xejn kull ma kellhom jagħmlu kien li jmorru l-Għassa u jispjegaw kollox lill-Pulizija. Hawn Vella pprova jiftaħ għajnejn Silvio Vella li l-intenzjoni reali ta' l-imputati kienet li jiffrodawh u kif qallu hekk persuna oħra qabad it-telefon u qallu *oqgħodu attenti xi tgħidu għax ħa nagħmillek libell.* Christian Vella sfidah biex jagħmillu libell peress li huwa kien konvint mis-suspetti tiegħu fil-konfront tagħhom u minn hemm l-imputati u Silvio Vella eventwalment ikkonvinċew ruħhom biex imorru l-Għassa tal-Pulizija ta' Bormla.

Vella stqarr ulterjorment illi sakemm kienu qed jistennew il-Pulizija Silvio Vella *beda jgerfex ċertu diskors u beda jgħidli "irrid inbiegħ bilfors id-dar għax għandi ħafna dejn u rrid nara x'għamlu bl-armi għax ma nafx x'għamlu bihom". Imbagħad jiena hemmhekk għedtlu biex ipoġġi bilqiegħda u jgħidli x'dejn għandu. Beda jsemmi u bdjena niktbu eżempju Top Choice u beda jsemmili ċ-ċekkijiet. Hu kien igħidilhom li flus ma hemmx imma s'intendi ċ-ċekkijiet xorta baqgħu jsiru.* Eventwalment l-imputati ġew skortati fir-residenza ta' Silvio Vella sabiex jiġbru l-affarijiet tagħhom u meta ġew biex jitilqu kienu se jaqbdu l-karozza ta' Vella iżda l-Pulizija waqfuhom u ħadulhom iċ-ċavetta, li skond l-imputati kienet l-unika ċavetta tal-vettura. Silvio Vella dakinhar kellu jiġi ammess l-Isptar Mater Dei peress li kien bela' xi pinolli u meta Christian Vella, għall-ħabta ta' nofs il-lejl, mar lura d-dar ta' zijuh biex ibiddel is-serratura tal-bieb ta' barra biex l-imputati ma jerġgħux jippruvaw jidħlu, induna li l-vettura ta' Silvio Vella ma kenitx hemm u b'hekk għadda biex jagħmel rapport li din ġiet misruqa. Mill-Isptar Mater Dei Silvio Vella ġie ammess l-Isptar Monte Carmeli fejn l-imputati kontinwament ippruvaw jikkomunikaw miegħu permezz ta' telefon, sakemm fl-aħħar in-Nursing Officer ta' l-Isptar Monte Carmeli ħaditlu l-mobile għaliex fil-kondizzjoni tiegħu ma setgħax ikellem nies fuq it-telefon. Christian Vella stqarr ukoll li meta rnexxielu jidħol fl-Ipad li kien instab fil-vettura ta' Silvio Vella, Ipad li l-imputata Simone Xuereb stqarret

li kien tagħha, huwa fuqu sab ritratt ta' waħda mill-armi ta' Silvio Vella, li ema ritratt ittieħed fit-12 ta' Frar 2020. Huwa għadda biex jippreżenta numru ta' ritratti li juru dak li kien hemm fuq l-Ipad kif ukoll minn fuq profiles ta' l-imputat Ian Xuereb u anke ritratti ta' ċurkett partikolari ta' Silvio Vella li skond l-istess Vella ġie nieqes u ma nstabx kif ukoll ta' kontijiet pendenti u mandati ta' sekwestru rigwardanti l-imputati - Dok. "CV1" sa' Dok. "CV14" a fol. 284 sa' 302 tal-proċess.

Dwar affarijiet mixtrija u affarijiet neqsin Christian Vella xehed illi *taħt it-taraġ kien hemm pushchair li xtrat mingħand il-Mothercare li għadu ġdid ġol-kaxxa u għad hemm kont pendenti fuqha ta' seba' mija u tmienja u tletin. Fil-kamra tas-sodda hemm miżerjament b'elfejn oħra mingħajr il-Playstation li xtraw u biegħhew jiġifieri hemm television, sound bar, hemm il-baby monitor li l-camera ħaduha tal-forensika imma l-monitor baqa' hemm u għad fadal xi affarijiet oħra bħal fridge, water dispenser u affarijiet hekk. … Fuq it-talbet, konversazzjoni ma' ħafna nies fuq il-profile ta' Ian kien hemm għodda mibjugħa, radio antik tal-bużbuż nannu tiegħi, Radiomarelli, kien radio antik bil-buttuni ta' l-avorju, kien hemm affarijiet bħal baynotes neqsin, torn tal-ħadid, bench drill, metal cutter tal-ħadid, l-armi neqsin kollha, parti mir-rounds li kien hemm ġos-safe u kien hemm xi għodda bħal aċċitilena u affarijiet hekk neqsin mid-dar. Kien hemm television li kienu ħadu mingħand in-nanna li ġie replaced b'television silver li ma jaħdimx spiċċajna armejnieh u s'intendi l-karozza li ġiet replaced b'waħda inferjuri.*

Dak affermat minn Christian Vella ġie kkonfermat minn oħtu **Karen Attard** fix-xhieda li tat waqt is-seduta ta' l-1 ta' Settembru 2020[93].

Dak affermat minn Christian Vella u Karen Attard fir-rigward tar-rapport tagħhom lill-Pulizija u dak affermat mill-Ispettur Eman Hayman dwar meta Silvio Vella ġie ikkonfrontat bil-verità, ġie kkonfermat minn **PS41 Elaine Cassar** waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2020[94], fejn anke ppreżentat l-imsemmi rapport ta' Vella u Attard markat Dok. "EC" a fol. 339 sa' 344 tal-proċess.

Dak affermat minn Christian Vella fir-rigward tal-fatt li meta l-imputati marru ħdejn ir-residenza ta' Silvio Vella biex jiġbru l-affarijiet tagħhom huma kienu se jitilqu minn fuq il-post bil-vettura ta' Silvio Vella bin-Numru ta' Reġistrazzjoni HBG-714, iżda twaqqfu mill-Pulizija, ġie kkonfermat minn **PC319 Floyd Bugeja** waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2020[95].

**PS1569 Darryl Farr**[96] xehed illi *nhar is-27 ta' Mejju 2020, għall-ħabta tad-disgħa, jien kont struzzjonat mill-Ispettur Hayman sabiex nirrapporta fl-indirizz 75 "Bodmill* [recte: "Bodmin"] *Lodge" Triq Sant' Antnin, Marsaskala, u nistaqsi għal ċertu Silvio Vella sabiex imur ġewwa l-Għassa ta' Bormla ħalli jkellmu l-Ispettur. Jiena ħabbat diversi drabi mal-bieb tar-residenza, iżda ħadd ma fetaħ. L-Ispettur infurmani wkoll illi l-ġurnata ta' qabel kienet tħalliet letter to call fir-residenza. Għaldaqstant, jiena ċċekkjajt fil-letter box fejn ma kienx hemm ebda ittri ġewwa l-letter box. Iktar tard għall-ħabta tat-tlieta u nofs erġajt ġejt infurmat mill-Ispettur Hayman sabiex għall-ħabta ta' l-erbgħa u kwart nirrapporta fl-indirizz, fejn fuq il-post ser ikun hemm is-Sur Vella flimkien ma' ċertu Christian li jiġi n-neputi tiegħu, kif ukoll fuq il-post kien ser*

---

[93] Fol. 303 sa' 310 tal-proċess.
[94] Fol. 336 sa' 338 tal-proċess.
[95] Fol. 345 u 346 tal-proċess.
[96] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2020, fol. 571 sa' 573 tal-proċess.

*ikun hemm Ian Xuereb u Simone Xuereb biex jiġbru xi oġġetti minn ġor-residenza. Għall-ħabta ta' l-erbgħa u kwart, jiena u l-kollega tiegħi PC319 irrappurtajna fuq il-post fejn mal-wasla tagħna kien gja qam argument bejn Christian u Ian u Simone, li qed nagħraf preżenti fl-Awla, fejn Christian beda jitlobhom sabiex ma jidħlux ġewwa ir-residenza iżda Ian u Simone bdew joġġezzjonaw li bdew jidħlu ġewwa r-residenza. Aħna minn naħa tagħna intervjenejna u kkalmajniehom. Ian u Simone f'daqqa waħda qalu li ma jridu jiġbru l-ebda oġġetti minn ġor-residenza u għaldaqstant ippruvaw jitilqu minn fuq il-post b'vettura ta' l-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni HBG-714. Jiena mill-ewwel mort biex inwaqqafhom milli jitilqu minn fuq il-post għax kont naf li Ian għandu l-liċenzja revokata kif ukoll Simone ma kellha l-ebda liċenzja tas-sewqan u kont naf ukoll li l-vettura tappartjeni lil Silvio Vella. Malli tlabthom biex joħorġu minn ġol-vettura, Ian u Simone fil-bidu bdew jirreżistu u qalulna li ma kienux ser joħorġu minn ġol-vettura, iżda mbagħad mal-ħin aċċettaw li joħorġu bil-kelma t-tajba. Fuq il-post jiena staqsejthom jekk kellhomx spare key ta' din il-vettura fejn baqgħu jinsistu li ma kellhomx u għal diversi drabi staqsejthom din il-mistoqsija iżda qalu li ma kellhom l-ebda spare key. Għaldaqstant jiena avviċinajt lil Silvio fejn tlabtu jikkonferma jekk kienx hemm xi spare key ta' din il-vettura, fejn hu kkonfermali li ma kien hemm l-ebda spare key; waħda biss kellu. Imbagħad wara Ian u Simone telqu minn fuq il-post. Jiena flimkien mal-kollega tiegħi PC319 wettaqt search ġo din il-vettura fejn hemmhekk sibt arloġġ tal-metall ta' kulur griż tad-ditta Citizen, kaxxa żgħira ta' lewn aħdar li ġo fiha kien hemm par cufflinks tal-metall ta' lewn silver, tablet ta' lewn griż, lembuba ta' l-injam, żewġ imwies, kif ukoll f'qiegħ ta' pakkett tat-tabakk li ġo fih kellu t-tabakk u xi karti wkoll, moħbija fil-qiegħ sibt ċavetta ta' bieb ta' dar li wara skoprejt li kienet l-istess ċavetta tal-bieb tar-residenza li semmejt iktar kmieni. Jiena avviċinajt lil Silvio fejn urejtu l-oġġetti misjuba u kkonfermali li l-oġġetti kollha kienu jappartjenu lilu iżda hu fl-ebda ħin ma kien jaf kif dawn l-oġġetti kienu qegħdin ġol-karozza. Meta staqsejtu rigward iċ-ċavetta li nstabet moħbija ġewwa l-pakkett tat-tabakk, Silvio stqarr li ma kienx jaf biha din iċ-ċavetta, ma kienx jaf li kellhom din il-kopja. Jiena minn naħa tiegħi għaddejt dawn l-oġġetti kollha lil Silvio u nfurmajthom sabiex nagħmlu rċevuta li ingħataw dawn l-affarijiet lura. Jiena mal-kollega tiegħi PC319 wettaqt serach ġol-kamra fejn kienu jirrisjedu Ian u Simone, fil-presenza ta' Christian. Waqt din is-search jiena sibt ħafna oġġetti relatati mat-teħid tad-droga fosthom biċċiet tal-foil maħruq, tubi ta' foil ġodda u diversi oġġetti oħra. Taħt is-sodda ġo l-istess kamra, jiena sibt pakkett boroż bħal dawn li jintużaw fil-kċina, moħbi ġol-pakkett tal-boroż kien hemm miżien elettroniku żgħir. Wettaqna search ukoll fil-garaxx tar-residenza fejn kien joqgħod Silvio, peress li kellu safe ta' l-armi, fejn meta infetaħ dan is-safe tal-ħadid ma ġie nnutat l-ebda arma, iżda nnutajna li kien hemm xi ammont żgħir ta' munizjoni. Jiena avżajthom sabiex l-għada, għax kien spiċċalna x-shift, l-għada 28 ta' Mejju għall-ħabta tas-sitta u nofs jirrappurtaw l-Għassa sabiex nagħtihom din l-irċevuta li semmejt iktar kmieni. Nhar it-28 ta' Mejju 2020 għall-ħabta tas-sitta u nofs irrapporta ġewwa l-Għassa ta' Marsaskala Christian Vella, fejn ġie mogħti riċevuta ta' l-oġġetti kollha mogħtija lil Silvio fejn waqt li kien hemm infurmani li matul il-lejl kienet ittieħdet il-vettura HBG-714 minn fuq il-post u x'aktarx ġiet meħuda minn Ian u Simone Xuereb. Aktar tard imbagħad fl-istess lejl ġejt infurmat li l-vettura kienet instabet fl-akkwati ta' Buġibba u l-istess vettura ġiet meħuda lura mill-Pulizija.*

**PC629 Alessandro Schembri**[97] xehed illi fit-28 ta' Mejju 2020, għall-ħabta tas-2:00a.m., Christian Vella għamel rapport ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar fejn irrapporta

[97] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2020, fol. 574 u 575 tal-proċess.

li l-karozza ta' zijuh Silvio Vella kienet nieqsa. Xehed illi *Christian spjegali li l-aħħar li kien ra l-vettura, kienet ipparkjata ġewwa Triq Sant' Antnin, Marsaskala, għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar nhar is-27 ta' Mejju 2020. Il-kwerelant spjegali li sa' dak il-ħin kien ċert li ċ-ċavetta tal-karozza kienet fuqu u kien tela' ma' zijuh ġewwa l-Isptar Mater Dei. Iktar tard Christian spjegali li kif mar fuq il-post għall-ħabta ta' nofs il-lejl, sab li l-vettura ta' zijuh ma kienetx għadha fuq il-post. Christian spjegali li l-vettura kienet tat-tip Toyota Yaris ta' lewn blu bin-numru ta' reġistrazzjoni HBG-714. Christian kompla jispjega iktar fid-dettal li sa' fejn jaf hu, il-karozza kellha ċavetta waħda biss għax zijuh dejjem hekk qallu iżda kellu suspett, peress li Ian u Simone Xuereb kienu qed jgħixu ma' zijuh fix-xahrejn ta' qabel, setgħu għamlu kopja taċ-ċavetta u setgħu ħadu l-karozza faċilment. Minn naħa tiegħu Christian spjegali wkoll li ftit qabel kien għamel rapport fejn wera s-suspett tiegħu li dawn iż-żewġ persuni kienu qed jabbużaw mis-sitwazzjoni mentali ta' zijuhom.*

**Silvio Vella**[98] xehed li huwa kien ilu jaf lill-imputati Ian u Simone Xuereb madwar seba' jew tmien xhur. Huwa ltaqa' ma' l-imputata Simone Xuereb fuq Facebook iżda dak iż-żmien kien jafha bl-isem Amanda Vella. Wara li għamlu xi żmien jiskambjaw messaġġi bejniethom, huma ltaqgħu għandha bil-wegħda li hija kienet se tagħtih prestazjonijiet sesswali, liema prestazzjonijiet però spiċċaw biex ma ngħatawx. Wara dik l-okkazzjoni Silvio Vella baqa' jitla' d-dar għand l-imputati, senjatament fil-fond "Carmen House" Triq ix-Xitwa, Buġibba, u wara madwar xahrejn ġej u sejjer għandhom huwa qalilhom biex imorru jgħixu għandu fir-residenza tiegħu ġewwa Marsaskala. Stqarr illi wara li raqad xi tlett darbiet ma' l-imputata Simone Xuereb fir-residenza tagħha Buġibba hija qaltlu li ma kienx ser jorqod iktar ħdejha għaliex kien jonħor u minflok kien jorqod fuq is-sufan. Jgħid li ma setgħax jorqod fil-kamra tas-sodda l-oħra li kien hemm għaliex din kienet okkupata minn bint l-imputata Simone Xuereb u l-għarus tagħha. Vella stqarr illi l-imputat Ian Vella kien jabbuża mid-droga, tant illi kull tant ġranet kienu jmorru jixtru d-droga biex jikkunsmaha l-imsemmi imputat. Silvio Vella ddikjara li lill-imputati għamililhom ċara li meta jmorru joqgħodu għandu ma riedx li jiddaħħlu drogi fid-dar tiegħu.

Silvio Vella stqarr ulterjorment li dak iż-żmien l-imputata Simone Xuereb kienet tgħidlu li l-imputat Ian Xuereb kien ħuha. Meta marru jgħixu fir-residenza tiegħu, l-imputati kienu jorqdu fil-kamra tas-sodda tiegħu filwaqt li huwa kien jorqod fuq is-sufan fis-sular ta' isfel. Fil-kamra tas-sodda l-oħra li għandu fir-residenza tiegħu ma setgħax jorqod għaliex kien hemm bint Simone u l-għarus tagħha. F'dan iż-żmien Silvio Vella ma kellux aċċess liberu għall-kamra tas-sodda tiegħu għaliex kienet tkun magħluqa biċ-ċavetta u kien ikollu jħabbat biex jidħol.

F'ċertu żmien Silvio Vella staqsa lill-imputata Simone Xuereb jekk reditx li jaħsbu għat-tfal u wara xi żmien u trattament mediku appożita, hija nfurmatu li kienet tqila. F'dan iż-żmien Vella kien isarraf iċ-ċekk tal-pensjoni u jgħaddi l-flus kollha lill-imputata Simone Xuereb li daqqa kienet tgħidlu li kellha bżonn il-flus għall-pinnoli jew għal xi injections. Fir-rigward Silvio Vella stqarr *il-pensjoni kont insarrafha dejjem għand Coppini San Ġiljan u daqqa tas-Sliema u mill-pensjoni ma kont inżomm xejn jiena u kont nagħti kollox lilha. Li kien jiddispjaċini biss li kont nagħtiha l-flus u kollox minn qalbi imma qatt ma kienet tgħidli imqar hu ten Euro u itfagħha fil-but.* Mistoqsi kemm kien ilu jsarraf iċ-ċekkijiet għand Coppini, Silvio Vella wieġeb *wara xi tlett xhur li kont ilni nafhom, naħseb kien hemm ħames xhur, sitt xhur.* Għal ċerta akkwisti però, bħal

[98] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju 2020, fol. 105 sa' 148 tal-proċess.

per eżempju mingħand il-Lidl, il-Pavi, it-Top Choice u tal-Lira, huwa ma kienx jagħti flus kontanti iżda kien iħallas permezz ta' ċekkijiet. Fir-rigward huwa stqarr *mit-Top Choice xtrajna television kbir jiswa xi eight hundred fifty, play station kbira, sound bar u heater tal-gas, dawk li niftakar. Jiena għedtilhom ħa ġġibuni fi problema qed noħroġ dawn iċ-ċekkijiet, jiena sirt naf li ma fihomx flus u xorta ħriġt iċ-ċekkijiet u bdew jiġu lura dawn iċ-ċekkijiet.* Dwar dan kien jgħid lill-imputata Simone Xuereb iżda hija kienet tgħidlu li ma kien se jiġri xejn. Vella stqarr ulterjorment illi *meta konna nkunu barra bil-karozza kien isuq Ian Xuereb u daqqa kien ibiddilha ma' Simone Xuereb u konna mmorru l-Pavi, għand Ta' Ganza, l-JB Stores, għand Tal-Lira u c-cheque book kont noħorġu jiena u n-notifications ovvjament la kienu ċ-ċekkijiet tiegħi kollha lili bdew iċemplu. … Għall-ewwel meta xtrajna l-affarijiet mingħand it-Top Choice u l-JB Stores u hekk konna għadna noqgħodu d-dar ta' Buġibba, imbagħad meta ddeċidejna, u huma ddeċidew ukoll, li naqbdu l-affarijiet kollha u mmorru d-dar għandi "Bodmin Lodge" Triq Sant' Antnin, Marsaskala, kont għedtilhom użaw li tridu qisha darkom. Imbagħad li bdejt nieħu għalija jiena ta' 63 sena jiena għaddejt minn esperjenzi, kif jista' jkollok namrata jew girlfriend jew mara poġġuta .. u ma tħallikx torqod magħha.*

Meta l-imputata Simone Xuereb infurmat lil Silvio Vella li kienet tqila, huma bdew jixtru l-affarijiet għat-tarbija mingħand The First Years u anke Mothercare. Fejn jidħol il-ħanut The First Years, Silvio Vella stqarr *l-inkwiet tiegħi fuq li dan mingħand il-First Years b'kollox xtrajna one thousand and forty nine Euros u dawn l-istess ic-cheques bdew jibbawnsjaw u jiena għedtilhom, "ma nistgħux inkomplu sejrin hekk".* Silvio Vella spiċċa biex issusspetta li t-tarbja, li sfortunatament mietet, li kien se jkollha l-imputata Simone Xuereb ma kenitx tiegħu għar-raġuni li fl-ewwel lok huwa qatt ma kellu x'jaqsam ma' l-imputata direttament u meta kienet tmur għall-visti hija ma kenitx tħallih jidħol magħha iżda kienet iddaħħal magħha lill-imputat Ian Xuereb bl-iskuża li peress illi kellu d-demm jaqbel ma' tagħha kien ikun iktar faċli jekk jinqala' xi ħaġa. Fir-rigward ta' relazzjonijiet intimi ma' l-imputata Simone Xuereb, in kontro-eżami Silvio Vella stqarr illi *jiena qatt ma kelli kuntatt sesswali magħha, hi kienet tgħidli "tista' tiġi fil-kamra tax-shower tiegħi tarani ninħasel għarwiena u oqgħod strieħ quddiemi u la nista' nmissek u lanqas tista' tmissni int"* u dwar kif suppost l-imputata Simone Xuereb inqabdet tqila Silvio Vella xehed illi *hi peress li għadha żgħira u l-gynaecologist qaltli wkoll fuq il-pilloli li għandi tad-depression, kif kellmet lill-gynaecologist tagħha qaltilha li kif taslu għaż-żmien ċertu pills irrid inwaqqafhom, sigaretti ma nistax inpejjep, wara dak iż-żmien kelli mmur nagħmel masturbation waħdi, għamiltha darbtejn u mlejtilha il-bott, għalaqtu sew, poġġejtu ġol-friġġ u l-għada ġew għalih biex jinseminaw il-bajda ta' Simone*, madanakollu stqarr li *imma jiena qatt ma stajt inkun ċert jekk hijiex tiegħi jew le.*

Silvio Vella tant kien mitluf għal wara l-imputata Simone Xuereb illi huwa kien għamel testment biex wara mewtu tirtu hi u b'hekk tkun sinjura żgħira. Apparte minn hekk ikkonvinċewh ukoll biex ineħħi l-vettura tiegħu, li skontu kienet *custom made* skond kif riedha hu, u jixtri vettura oħra. Dan sar għaliex l-imputata Simone Xuereb qaltlu li riedet vettura *automatic*. Dan il-bejgħ tal-vettura ta' Vella u l-akkwist ta' vettura oħra sar għand xi ħadd jismu Brandon li għandu ħanut tal-karozzi ġewwa Ħal-Qormi[99]. Apparte minnhekk u dejjem fuq xewqa ta' l-imputata Simone Xuereb, Silvio Vella kien anke aċċetta li jbiegħ id-dar tiegħu – tant illi kien sar konvenju ma' ċertu Manuel Borg[100] u sa'

---

[99] Dan it-trasferiment ġie kkonfermat minn Brandon Briffa mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ġunju 2022, fol. 950 sa' 953 tal-proċess u id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "BB" a fol. 954 u 955 tal-proċess.
[100] Vide xhieda Manuel Borg mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2021, fol. 782 sa' 785 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MB1" sa' Dok. "MB4" a fol. 786 sa' 798 tal-proċess.

dakinhar li xehed in eżami Silvio Vella dan il-konvenju kien għadu viġenti – u minflok jixtri post bi tlett ikmamar tas-sodda u bil-flus li kien jifdal kien ser jixtri Toyota Hybrid għall-imputata Simone Xuereb u vettura Mercedes għall-imputat Ian Xuereb. Meta ġie ffirmat il-konvenju għat-trasferiment tad-dar tiegħu, Silvio Vella introduċa lill-imputati Ian u Simone Xuereb bħala n-neputijiet tiegħu. Peress illi l-imputati Ian u Simone Xuereb dejjem riedu l-flus, huma kkonvinċew lil Silvio Vella biex anke jbiegħu ammont ta' għodda li huwa kellu kif ukoll xi armi li kellu fir-residenza tiegħu ġewwa safe. Għalkemm jaf li dawn l-armi ttieħdu minn ġos-safe mill-imputati, Silvio Vella ma jafx fejn spiċċaw u x'sar minnhom. F'ċertu punt ukoll l-imputati dwaru l-Karti ta' l-Identità tagħhom fuq ir-residenza ta' Silvio Vella u l-imputat Ian Xuereb anke applika biex ikun meqjus bħala carer tiegħu u dana sabiex ikun jista' jieħu l-flus relattivi. Silvio Vella kien anke akkwista mobile għall-imputata Simone Xuereb u għamel il-kuntratt f'ismu għaliha peress illi kienet qaltlu li kellha sekwestru u ma setgħax isir fuq isimha. Fir-rigward tal-mobile tiegħu, li ġie esebit bħala Dok. "EH4", Silvio Vella iddikjara li *dak kien il-mobile li jiena partatt ma' Ian, tajtu tiegħi u hu tani ieħor, imbagħad għedtlu "dan ma fihx balance u hemm bżonn li nagħmillu l-balance biex inkun nista' nċempel lil tal-familja" qabeż Ian u qalli "le ta ma tistax għax il-mobile misruq"*. Silvio Vella ġie muri wkoll iPad illi kkonferma li huwa tiegħu iżda kienet tagħmel użu minnu l-imputata Simone Xuereb.

Meta eventwalment Silvio Vella sar jaf il-verità dwar l-imputati Ian u Simone Xuereb u li ma kienux aħwa imma kienu miżżewġin, huwa kkrolla għal kollox u addirittura kellu jiġi rikoverat għal xi żmien ġewwa l-Isptar Monte Carmeli. Tul ix-xhieda tiegħu Silvio Vella kemm-il darba saħaq li huwa kien iħobb lill-imputata Simone Xuereb ħafna u li għaliha kien jagħmel kollox, stqarr ukoll li anke wara li sar jaf x'kienet is-sitwazzjoni reali, xorta waħda kien għadu mitluf għal warajha.

L-**imputat Ian Xuereb**[101] xehed illi huwa lil Silvio Vella qatt ma għamillu xejn, di fatti r-rapport fil-konfront tiegħu ma sarx minn Vella iżda mill-familjari tiegħu, u kien l-istess Vella li jipprova jiskapriċċah. Stqarr li għalkemm Silvio Vella kien qallu li kellu jieħu somma flus u b'dawk il-flus kien se jixtrilu karozza, il-karozza spiċċa xtraha hu, ossia l-imputat Ian Xuereb, lil Silvio Vella. L-imputat xehed ulterjorment illi r-relazzjoni ma' Silvio Vella ntemmet għaliex *daħal rapport mingħand il-familja tiegħu li dan ħadnilu l-flus mentri meta morna għandu dan dejjem ma' tal-grocer … u ma' tal-pompa tal-petrol. Nixtieqek tagħmlu riċerka fuqhom dawn l-affarijiet, dejjem ma' tal-pompa tal-petrol, dejjem ma' tal-grocer. U jien hemm id-data meta iltqajna miegħu dan il-bniedem. Nefaq il-flus kollha Pataya u npattu għalihom jien u l-mara tiegħi. Il-flus li nefaq Pataya. Mhux sewwa. … hu kien jippreżenta ruħu li kien manager li għandu l-flus, qatt ma semmieli li dan kien bankrupt, fallut, ma nafx jien qatt ma kelli cheque book, dawn iċ-ċekkijiet kollha vojta, ma nafx kif jirnexxielu li minn manager jagħmel kummiedja bħal din. Għax kummiedja. Għax kieku kont naf li dawn l-affarijiet ħa jiġru f'ħajti hekk qas kont inkellmu lil dan il-bniedem. … Qas qatt ma qbadt ċekk wieħed b'idi, qas qatt ma rajthom jiena. Fejn mort ta' l-insurance imma dalgħodu spiċċajna qalli għax għandu dejn miegħu jiena mentri din il-karozza mhux qiegħda għandi u dejn qed jgħajjat lili. Dejn jgħajjat lili.* In kontro-eżami l-imputat stqarr li l-oġġetti li nxtraw u tħallsu minn Silvio Vella b'ċekkijiet li ma jissarfux kienu kollha rigali għalih u għall-imputata Simone Xuereb mingħand l-imsemmi Silvio Vella. Mill-bqija l-affarijiet l-oħra kienu kollha għal Vella iżda qed ikollhom iħallsu għalihom hu u l-imputata Simone Xuereb. Stqarr ukoll li Silvio Vella minn dejjem kien jagħmel akkwisti u jħallas għalihom b'ċekkijiet li però jispiċċaw ma jissarfux.

---

[101] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Ġunju 2023, fol. 1034 sa' 1039 tal-proċess.

Dwar ir-relazzjoni ta' bejnu u bejn Silvio Vella, l-imputat Ian Xuereb stqarr li din kienet waħda ta' ħbiberija u lil Silvio Vella qatt ma talbu xejn. Mistoqsi kif hu u l-imputata Simone Xuereb ippreżentaw ruħhom lil Silvio Vella, l-imputat wieġeb li Vella qatt ma staqsihom x'relazzjoni hemm bejniethom u hu ma kellux għalfejn jgħidlu li huma miżżewġin. Stqarr illi Silvio Vella kien konxju mill-fatt li fil-verità hu u l-imputata Simone Xuereb kienu miżżewġin.

**PS161 Joseph Louis Scerri**[102] ippreżenta żewġ rapporti Dok. "JLS1"[103] u Dok. "JLS2"[104] fir-rigward tal-preservazzjoni tal-profiles fuq Tik Tok ta' l-imputata Simone Xuereb u ta' l-imputat Ian Xuereb, kif ukoll tal-Facebook Ian Sim Xuereb, Simone Yass u Dion Xuereb, mitluba mill-Ispettur Eman Hayman. **PS422 Neil Caruana**[105] ppreżenta rapport Dok. "NC" a fol. 559 sa' 566 tal-proċess, fir-rigward ta' extraction li saret minn diversi devices elettroniċi li ngħataw lilu mill-Ispettur Eman Hayman.

**Martin Coppini**[106], in rappreżentanza ta' W&J Coppini Financial Services Limited, ippreżenta numru ta' dokumenti a fol. 541 sa' 552 tal-proċess, minn liema jirriżulta li bejn it-18 ta' Frar 2020 u s-27 ta' Mejju 2020, Silvio Vella kien sarraf diversi ċekkijiet maħruġa mill-Bank Ċentrali, għandhom.

L-**Ispettur Joseph Mercieca**[107] xehed illi fis-27 ta' Mejju 2020 huwa ra li kien daħal rapport dwar serq ta' armi mill-fond 75, Bodmin Lodge, Marsaskala, u b'hekk għall-ħabta ta' l-10:00p.m. kien aċċeda fl-imsemmi fond fejn għamel spezzjoni fl-istess fond fil-presenza ta' Karen Attard, stante li dak iż-żmien Silvio Vella kien rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli. Meta spezzjona s-safe fejn kienu jinżammu l-armi, huwa sab ammont ta' munizzjoni li ġie elevat minnu u ġiet elevata wkoll vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni HBG-714. Ippreżenta r-rapport dwar is-serq ta' l-armi kif ukoll riċevuti rilaxxati minnu markati Dok. "JM1" u Dok. "JM2" a fol. 701 sa' 706 tal-proċess. **PS1024 Jeffrey Rizzo**[108] ikkonferma li kienet ġiet elevata l-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni HBG-714 iżda din l-istess vettura ġiet ritornata lil membru tal-familja ta' Silvio Vella, senjatament lil Karen Attard, fl-1 ta' Lulju 2020.

**RPC3141 Janet Cicala**[109], in rappreżentanza tal-Weapons Office, xehdet illi l-imputati Ian Xuereb u Simone Xuereb ma għandhomx liċenzji ta' armi maħruġa fuqhom. Xehdet illi kien hemm armi reġistrati f'isem Silvio Vella iżda dawn ma għandhomx hekk reġistrati in kwantu ġew rappurtati misruqa.

**PS692 Owen Peter Pace**[110] xehed illi fit-28 ta' Mejju 2020, il-Pulizija rċeviet rapport minn ċertu Marco Mattioli li fi Triq id-Dugħ, Marsaskala, kien hemm xi balal ma' l-art li kienu jidhru li għadhom tajbin. Il-Pulizija marret fuq il-post fejn effettivament sabet tlieta u għoxrin balla ma' l-art, liema balal in segwitu ġew elevati. L-istess **Marco Mattioli**[111] ikkonferma li sab il-munizzjoni in kwistjoni u li kien għamel rapport mal-Pulizija.

[102] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2020, fol. 521 tal-proċess.
[103] Fol. 522 sa' 524 tal-proċess.
[104] Fol. 525 sa' 528 tal-proċess.
[105] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2020, fol. 557 u 558 tal-proċess.
[106] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2020, fol. 537 u 538 tal-proċess.
[107] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2021, fol. 698 sa' 700 tal-proċess.
[108] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2021, fol. 724 u 725 tal-proċess.
[109] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ġunju 2021, fol. 609 u 610 tal-proċess.
[110] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ġunju 2021, fol. 619 sa' 621 tal-proċess.
[111] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2021, fol. 780 u 781 tal-proċess.

L-**Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar** ippreżenta r-Relazzjoni tiegħu fl-14 ta' Ottubru 2021 - Dok. "JC" a fol. 683 sa' 686 tal-proċess. Wara li eżamina lil Silvio Vella, ra d-*discharge letters* mill-Isptar Monte Carmeli datati 12 ta' Ġunju 2020 u 11 ta' Novembru 2020, ra r-rapport psikoloġiku dwar l-istess Vella datat 4 ta' Novembru 2020 u ra r-rapport ta-*MRI Brain* datat 23 ta' Ottubru 2020, l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar ikkonkluda li *s-Sur Silvio Vella magħruf mill-Karta ta' l-Identità ID0659756M ma jbatix minn mard ta' ġenn skond it-termini tal-liġi la issa u lanqas fi żmien l-allegat reat. L-MRI tar-ras u l-eżami konjittiv ma jurux li għandu problemi newro-psikjatriċi. Fi żmien l-allegat reat jidher li s-Sur Vella kien għaddej minn episodju ta' dipressjoni severa li wasslet anke li kellu jiddaħħal l-Isptar Monte Carmeli. Ta' min jgħid li meta wieħed ikun għaddej minn depressjoni, huwa jħares lejn id-dinja b'lenti differenti minn normal. Cognitive errors (CEs) are evidenced to be related to depressive thinking in major depressive disorder. Is-sur Vella għandu wkoll limitazzjonijiet karatterjali kbar li jirrelataw l-iktar fuq relazzjonijiet. Fi kliem il-psikoloġiċi fil-konklużjoni tar-rapport tagħhom fil-fatt jgħidu "Silvio's greatest challenges seem to be with attachment, especially in relationships with women. Having obtained elevated scores on the MCMI-III; primarily on the Dependent, Depressive, Negativistic, Masochistic and PTSD scale indicates his immense suffering and the considerable likelihood of him entering unhealthy relationships which can be potentially abusive". Din il-vunerabilità ħarġet biċ-ċar fid-deċiżjonijiet żbaljati li ħa fir-relazzjoni tiegħu mas-Sinjura Xuereb.*

**Vanessa Camilleri**[112], in rappreżenta ta' Transport Malta, ippreżentat serie ta' dokumenti - Dok. "TM1" a fol. 367 sa' 373 tal-proċess - minn liema jirriżulta li l-imputata Simone Xuereb ma għandhiex liċenzja tas-sewqan filwaqt li l-imputat Ian Xuereb kellu l-liċenzja tas-sewqan tiegħu revokata bejn l-1 ta' April 2020 u l-1 ta' Awwissu 2020. Jirriżulta wkoll li l-vettura ta' l-għamla Toyota Vitz bin-Numru ta' Reġistrazzjoni HBG-714 hija reġistrata f'isem Silvio Vella.

Fir-rigward ta' ċekkijiet maħruġa minn Silvio Vella li ma ssarfux xehdu diversi xhieda, senjatament:

**Joanna Bartolo**[113], in rappreżentanza tal-Bank of Valletta, illi esebit *statements of account* tal-kontijiet bankarji ta' Silvio Vella - Dok. "BOV1" a fol. 449 sa' 475 tal-proċess - minn liema jirriżultaw diversi ċekkijiet maħruġa minnu u li ma ssarfux, l-iktar fl-ewwel xhur tas-sena 2020, kif ukoll jirrizulta l-fatt li sad-9 ta' Jannar 2020 huwa kien jirċievi l-pensjoni tiegħu fil-kont bankarju mal-Bank of Valletta iżda wara dik id-data l-pensjoni ma baqghetx tidħol fil-kont tiegħu.

**Silvio Chetcuti**[114], in rappreżentanza tal-Bank of Valletta, esebixxa scanned copy taċ-ċekkijiet kollha maħruġa minn Silvio Vella illi ma ssarfux - Dok. "BOV1" a fol. 678 tal-proċess.

**Nathalie Vella**[115] in rappreżentanza ta' Pavi Supermarket, illi stqarret li kellhom erba' ċekkijiet maħruġa minn Silvio Vella bejn il-11 ta' Frar u l-14 ta' Frar 2020, komplessivament ammontanti għal €1,677.28, illi ma ssarfux. Ix-xirjiet relattivi saru b'abbinament mal-Pavi Card ta' Simone Xuereb, bl-ID Card Number 491484(M). Meta

---

[112] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020, fol. 365 u 366 tal-proċess.
[113] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020 a fol. 447 u 448 tal-proċess.
[114] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Settembru 2021, fol. 676 u 677 tal-proċess.
[115] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2020, fol. 319 sa' 326 tal-proċess.

din Simone Xuereb ġiet ikkuntatjata mis-Supermarket qalet li hija ma kellhiex x'taqsam għaliex iċ-ċekkijiet ħariġhom Silvio Vella, illi da parte tiegħu dejjem kien iwiegħed li se jħallas iżda baqa' ma ħallas qatt. In sostenn ta' dak minnha affermat Nathalie Vella ppreżentat serie ta' dokumenti, fosthom l-erba' ċekkijiet li ma ġewx imsarfa, markati Dok. "NV1" sa' Dok. "NV9" a fol. 327 sa' 335 tal-proċess.

**PC1430 Colton Grech Micallef**[116], ikkonferma r-rapport li sar mal-Pulizija minn Pavi Supermarkets, u xehed ukoll illi *jiena ppruvajt nikkomunika miegħu* [ossia ma' Silvio Vella] *fejn l-ewwel darba qbadtu u kellimni u qalli li kien daqsxejn ma jiflaħx u li se jirranġa l-affarijiet man-naħa tal-Pavi u meta għidtilhom hekk lil tal-Pavi dehru li xtaqu jaċċettaw din is-sistema u tawh ftit ċans minħabba ż-żmien tal-Covid biex jirranġaw l-affarijiet. Aktar qrib il-ġurnata li ftehmu, ir-rappreżentanti tal-Pavi reġgħu ġew l-Għassa fejn staqsewni x'se jiġri w erġajt pruvajt nikkomunika magħhom u meta ċempilt fuq in-numru ta' Silvio qabadni raġel ieħor u qalli li hu mhux Silvio però qalli ha nqabbdek ma' oħti qalli għax hi tieħu ħsieb dawn l-affarijiet. Issa jiena tkellimt ma' sinjura fejn qaltli li se jirranġaw l-affarijiet u li se jiġu f'dik id-data. Qaltli għax jiena qed nieħu ħsieb l-affarijiet ta' Silvio. Issa jiena bqajt fuqha din il-ħaġa għax ma kontx naf sa dak il-punt il-mertu tar-rapporti l-oħrajn li kien hemm u f'dik il-ġurnata li ftehmu biex jiġu jirranġaw l-ammonti illi kienu sostanzjali, baqgħu ma ġewx. Min-naħa tiegħi li kelli nagħmel jien hu li noħroġ ic-charges fil-konfront ta' Silvio però min-naħa tas-sinjura rappreżentanta tal-Pavi qaltli li meta kienu qed iħallsu biċ-ċekkijiet, kien jidhrilha li kien ma' persuna mara oħra u qaltli ma kien jidher xejn sew hemmhekk kif kienu qed jappartjenu lil xulxin u kien qisu qed jiġi manipulat. Jiena fuq din bqajt nissostanzja li qalet hi, fittixt rapporti oħra li kien hemm u sibt li kien hemm rapporti oħra mid-distrett tal-Kottonera li huma fuq l-istess natura. Allura ikkonfermajt daqsxejn ma' l-Ispettur tiegħi ħalli naraw kif nistgħu nkomplu minn hemm għaliex minn xi ħaġa li għamel Silvio kienet xi ħaġa ta' xi ħaġa oħra din.*

**Robert Tabone**[117], in rappreżentanza ta' Top Choice, xehed illi kien sar rapport mal-Pulizija fir-rigward ta' diversi ċekkijiet maħruġa minn Silvio Vella għal prodotti akkwistati mingħandhom, li ma ssarfux. Xehed illi flimkien ma' Silvio Vella kien hemm tnejn min-nies oħra qed jagħżlu l-prodotti u għaraf lill-imputata Simone Xuereb bħala waħda minn dawn il-persuni. Robert Tabone ppreżenta ċ-ċekkijiet maħruġa minn Silvio Vella u li ma ssarfux - Dok. "RT" a fol. 488 sa' 504 tal-proċess, u dawn għall-valur komplessiv ta' €2,579.90.

L-**Ispettur Matthew Galea**[118] u **PS991 Alexander Gauci**[119] kkonfermaw li Robert Tabone kien għamel rapport mal-Pulizija fir-rigward ta' diversi ċekkijiet maħruġa minn Silvio Vella illi ma ssarfux. Dan ir-rapport ġie ppreżentata bħala Dok. "MG" a fol. 360 sa' 362 tal-proċess. PS991 stqarr illi huwa kien kellem lil Silvio Vella illi kien qallu li *kien xtara television u Playstation 4, heater tal-gas u keyboard li tixgħel.*

**Malcolm Sant**[120], in rappreżentanza ta' Tal-Lira Limited, ukoll xehed illi kellhom numru ta' ċekkijiet, datati 15 ta' Frar 2020 u 16 ta' Frar 2020 - Dok. "MS1" u Dok. "MS2" a fol. 507 u 508 tal-proċess - maħruġa minn Silvio Vella illi ma ssarfux. Madanakollu huwa ma kienx f'posizzjoni jagħraf u jindika jekk l-imputati kienux ma' Silvio Vella meta

---

[116] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2020, fol. 553 sa' 556 tal-proċess.
[117] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020, fol. 485 sa' 487 tal-proċess.
[118] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020, fol. 358 u 359 tal-proċess.
[119] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020, fol. 509 u 510 tal-proċess.
[120] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020, fol. 505 u 506 tal-proċess.

nħarġu ċ-ċekkijiet. **Carl Sant**[121], in rappreżentanza tal-Lira Limited, ikkonferma dak li xehed dwaru Malcolm Sant u esebixxa ċ-ċekkijiet in kwistjoni, li komplessivament jammontaw għal €284.76. **WPS158 Gillian Henwood**[122] ikkonfermat li Carl Sant għamel rapport mal-Pulizija fir-rigward ta' ċekkijiet li ma ssarfux u kkonfermat ukoll li r-rapport in kwistjoni jinsab esebit a fol. 30 *et seq.* tal-process.

**Maria Dolores Fenech**[123], Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, xehdet illi multa fuq isem l-imputata Simone Xuereb fl-ammont ta' €1,500, tħallset permezz ta' ċekk illi però ma ssarrafx. Hija esebiet iċ-ċekk in kwistjoni - Dok. "MF1" a fol. 587 tal-proċess - u jirriżulta li dan iċ-ċekk inħareġ minn Silvio Vella. Apparte minn hekk, Maria Dolores Fenech ikkonfermat li mis-sentenzi pronunċjati fil-konfront ta' l-imputat Ian Xuereb u fil-konfront ta' l-imputata Simone Xuereb, ma kien hemm l-ebda appell. Stqarret ukoll li fir-rigward ta' l-imputata Simone Xuereb kien hemm multa li kienet għadha pendenti.

**Oliver Busuttil**[124] iddikjara li huwa għandu xogħol bħala insurance u filwaqt li stqarr li kien irċieva ħlas permezz ta' ċekk li però ma ssarrafx, ma setgħax jiftakar wisq dettalji dwar l-istess. Stqarr però li l-imputat Ian Xuereb huwa assigurat miegħu u li qed iħallas dak minnu lilu dovut bil-mod.

**Rachel McKay**[125] xehdet illi hi u r-raġel tagħha għandhom ħanut tal-ħwejjeġ tat-tfal u kienet irċeviet ħlas għal xi akkwisti permezz ta' ċekk għall-valur ta' €223, li però ma ssarrafx. Dan iċ-ċekk inħareġ minn Silvio Vella u għalkemm tiftakar li miegħu kienet tiġi mara, hija ma setgħetx tagħraf minn setgħet kienet din il-mara.

**Daniel Cutajar**[126], in rappreżentanza ta' Argus Insurance, iddikjara li ċ-ċekk bin-numru 3627 għall-valur ta' €100 maħruġa minn Silvio Vella kien issarraf.

**Vince Grixti**[127] xehed illi jopera pompa tal-petrol ġewwa Ħaż-Żabbar taħt il-kumpannija Arry Enterprises Limited. Iddikjara li kienu saru ħlasijiet permezz ta' ċekkijiet maħruġa minn Silvio Vella li ma ssarfux. Fil-perijodu bejn Jannar 2020 u Frar 2020 ma ssarfux ċekkijiet għall-valur komplessiv ta' €40.00.

**Christine Piccinino**[128], in rappreżentanza ta' Smart Supermarkets, xehedet illi kien hemm xi persuni, li hi però ma kenitx taf min huma, illi xtraw mis-supermarket u ħallsu b'ċekk illi però ma ssarrafx. Mid-dokumenti minnha esebiti, senjatament a fol. 945 tal-proċess, jirriżulta li ċ-ċekk fl-ammont ta' €374 inħareġ minn Silvio Vella.

**Wayne Borg**[129], in rappreżentanza ta' Royal Pharmacy, ukoll xehed illi għal xi akkwisti mill-ispiżerija ġie effettwat il-ħlas permezz ta' ċekk maħruġ minn Silvio Vella, iżda dan iċ-ċekk għall-valur ta' €72.00 ma tħallasx. Għalkemm ipprova diversi drabi jkellem lil Silvio Vella billi ċempillu fuq it-telefon, dan qatt ma qabdu.

[121] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2020, fol. 529 u 530 tal-proċess.
[122] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Diċembru 2020, fol. 363 u 364 tal-proċess.
[123] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Marzu 2021, fol. 585 u 586 tal-proċess.
[124] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ġunju 2022, fol. 876 sa' 878 tal-proċess.
[125] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ġunju 2022, fol. 879 u 880 tal-proċess.
[126] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ġunju 2022, fol. 881 u 882 tal-proċess.
[127] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ġunju 2022, fol. 883 u 884 tal-proċess.
[128] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ġunju 2022, fol. 942 u 943 tal-proċess.
[129] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ġunju 2022, fol. 948 u 949 tal-proċess.

**Noel Swain**[130], in rappreżentanza tal-LESA, xehed illi Silvio Vella kien ħallas għal kontravvenzjoni permezz ta' ċekk, liema ċekk, maħruġ fis-17 ta' Ottubru 2019, issarraf.

**Donatella Parnis**[131], in rappreżentanza ta' INDIA Limited, xehdet illi l-kumpannija minnha rappreżentata rċeviet ħlas għall-valur ta' €55 permezz ta' ċekk iżda dan iċ-ċekk ma ssarraftx. Hekk kif jirriżulta mid-dokument esebit minnha a fol. 967 tal-proċess, dan iċ-ċekk, datat 14 ta' Frar 2022, inħareġ minn Silvio Vella.

**Diane Curmi**[132], in rappreżentanza ta' Ta' Ganza, ukoll xehdet li hija rċeviet ħlas għal xi detergents permezz ta' żewġ ċekkijiet rispettivament għall-valur ta' €107.84 u €117.07, maħruġa minn Silvio Vella, iżda dawk iċ-ċekkijiet, maħruġa fil-11 ta' Frar 2020 u fis-17 ta' Frar 2020, ma ssarfux. Hija stqarret illi Silvio Vella għamel dawn l-akkwisti flimkien ma' l-imputati Ian u Simone Xuereb.

**Edward Basile**[133], in rappreżentanza ta' The First Years Limited, xehed illi għal xi oġġetti akkwistati mill-ħanut tiegħu rċieva ħlas għall-ammont ta' ċirka €1,000 permezz ta' ċekk, liema ċekk però ma ssarrafx. Xehed illi meta tkellem ma' Silvio Vella, ta' min kien iċ-ċekk in kwistjoni, dwar il-ħlas, dana Silvio Vella kien akkumpanjat fost oħrajn, mill-imputatat Simone Xuereb. Basile stqarr li ħafna mill-affarijiet ħaduhom lura u għalkemm ma għamlu xejn bihom, ħaduhom lura fuq bażi ta' prinċipju.

**Noel Pace**[134], in rappreżentanza ta' Il-Mitħna, xehed illi darba fost l-oħrajn kienet marret mara l-ħanut u għax-xirja li għamlet ħallset permezz ta' ċekk datat 13 ta' Frar 2020, li però ma ssarrafx. Minkejja li qal li l-akkwisti saru minn mara, huwa ma setgħax jagħraf min kienet din il-mara. Iċ-ċekk li kien għall-valur ta' €305.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati flimkien:**

**L-ewwel tmintax-il imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputati flimkien:**

Bl-ewwel tmintax-il imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom, l-imputati flimkien qed jiġu mixlija bir-reat ta' truffa a dannu ta' Silvio Vella għal valur ta' iktar minn €5,000 u b'diversi reati ta' traffa a dannu ta' diversi persuni u/jew kumpanniji u/jew entitajiet, uħud għall-valur ta' mhux iktar minn €5,000 u oħrajn għall-valur ta' mhux iktar minn €500.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 23 ta' Novembru 2022[135], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati flimkien sabiex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 17, 18, 31, 42(b), 308, 309 u 310(1)(a)(b)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li : *Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika,*

[130] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2022, fol. 957 u 958 tal-proċess.
[131] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2022, fol. 962 u 963 tal-proċess.
[132] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2022, fol. 972 sa' 976 tal-proċess.
[133] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Awwissu 2022, fol. 982 sa' 984 tal-proċess.
[134] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Awwissu 2022, fol. 985 sa' 987 tal-proċess.
[135] Fol. 998 u 999 tal-proċess.

*jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa' seba' snin.* Dan l-artikolu tal-Liġi jittratta dwar ir-reat ta' truffa.

L-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jeħel meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sa' sentejn jew il-multa.* Dan l-artikolu tal-Liġi jittratta dwar ir-reat (inqas gravi mir-reat ta' truffa) ta' frodi nnominata.

L-Artikolu 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jittratta dwar l-aggravanti tar-reati imsemmija, ibbażati fuq il-valur tal-ħsara magħmula.

Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ reati, ossia r-reat ta' truffa u r-reat inqas gravi ta' frodi innominata, issir referenza għall-insenjamenti li ħarġu mill-ġurisprudenza nostrana.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omar Caruana**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-14 ta' Lulju 2020, ġie osservat illi *din il-Qorti sejra tagħmel referenza għal ġurisprudenza dwar l-artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija [Spettur Maurice Curmi] v. Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela", ġie kkunsidrat: "Illi d-differenza bejn ir-reati ipotizzati fl-artikoli 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-ġurisprudenza tagħna. Fil-Liġi tagħna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi nnominata jrid ikun ġie perpetrat mill-aġent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligħ għall-aġent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raġġiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi nnominata (jew lukru frawdolenti nnominat).*

Fir-rigward tar-reat ta' truffa ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuele Ellul**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' Ġunju 1997, fejn ingħad illi *fil-liġi tagħna, element essenzjali għall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mis en scene, cjoe dawk l-artifizi jew raġġiri idonei li jinduċu u li effettivament ikunu induċew lill-vittma fi żball - l-ingann - u li b'konsegwenza ta' dak l-iżball il-vittma tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligħ għall-aġent. Il-liġi tagħna ma tirrikjedix li l-messa in scena, ċjoe li dawn l-artifizi jew raġġiri jkunu xi ħaġa ikkumplikata jew arkitettata b'ħafna pjanijiet; in fatti l-Liġi stess tindika l-forom li dawn l-artifizi jew raġġiri jistgħu jieħdu...* Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alfred Custo**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Lulju 1998, ġie osservat *illi sabiex jikkonkorri dan ir-reat - ossia r-reat ta' truffa - jeħtieġ hemm mhux biss is-sempliċi parole menzogniere, iżda anki l-mis en scene li tagħti kreditu lil dawk il-kliem ta' gideb u ingann. Huwa neċessarju għalhekk li jiġi ppruvat li l-buona fede tal-vittma tiġi sorpriża b'dan l-artifizju jew kwalifiki foloz, bħalma huma ismijiet foloz.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Manicolo**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-13 ta' Lulju 1998, ġie ritenut illi *l-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzonjier, iżda hu neċessarju w essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilità lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jieħu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelliġenza u prudenza*

*ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentiment kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap.9. Irid ikun hemm il-messa in xena u għalhekk, kif intqal, il-gideb waħdehom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, inkluż kliem ħelu u perswassiv, li jwasslu lil xi ħadd jemmen l-eżistenza ta' xi ħaġa msemmija mill-frodatur, liema ħaġa, in realtà, ma teżistix. Minbarra l-gideb għalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simputazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma temmen jew ikollu fidi f'dak li qed jiġi lilu imwiegħed mill-frodatur. Dan l-ingann, għalhekk, għandu jkun akkumpanjat b'artifizji kważi teatrali, u mhux sempliċement wegħdiet, promessi u kliem sempliċi. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux biżżejjed il-kliem waħdu, iżda dan il-kliem għandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv, ma' dan it-tip ta' kliem għandu jkun hemm xi ħaġa estraneja li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, ċjoè apparat estern li jirrivesti bi kredibilità l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur.*

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Antonio Borg et, Appell Nru. 99/2017**, deċiża fid-19 ta' Ottubru 2023, *sabiex jiġi integrat ir-reat ta' truffa jeħtieġ li jkun hemm rabta bejn min qiegħed jikkommetti r-reat u l-vittma. Irid ikun hemm l-element materjali ta' dan ir-reat li jikkonsisti fl-użu tal-ingann jew raġġiri li jwasslu lill-vittma sabiex issofri t-telf patrimonjali. Finalment l-element formali tar-reat jikkonsisti fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna lill-vittma tiegħu biex jikseb profitt jew vantaġġ inġust għalih innfisu. Dawn l-elementi jridu jeżistu flimkien biex jitqies integrat ir-reat tat-truffa.*

Il-Qorti ser tittratta l-ewwel il-kwistjoni konċernanti Silvio Vella.

Meta l-provi prodotti fir-rigward, b'mod partikolari l-verżjoni tal-fatti kif mogħtija minn Silvio Vella, jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi appena ċitati jirriżulta b'mod ċar ħafna u lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputati Ian u Simone Xuereb wettqu r-reat ta' truffa ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, a dannu ta' l-imsemmi Silvio Vella. Il-Qorti tisħaq fuq il-verżjoni tal-fatti kif mogħtija minn Silvio Vella għar-raġuni li fil-fehma Tagħha tali verżjoni hija waħda veritiera u ferm kredibbli u l-imputati entrambe abbużaw minnu u mill-vulnerabilità tiegħu, vulnerabilità din li toħroġ ferm ċara mir-Relazzjoni ta' l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar markata Dok. "JC" a fol. 683 sa' 686 tal-proċess.

Ma hemm assolutament l-ebda dubju li l-imputati flimkien holqu messa in scena sħiħa sabiex jittruffaw lil Silvio Vella. L-imputata Simone Xuereb webblet lil Silvio Vella li seta' jkollhom relazzjoni flimkien u meta rat li kien kompletament mitluf għal warajha, hi u l-imputat Ian Xuereb daħlu b'mod qawwi f'ħajtu u ħadu kontroll assolut ta' ħatju, mhux biss tar-residenza tiegħu iżda anke ta' flusu. Di fatti mhux biss waddbuh il-barra mill-kamra tas-sodda tiegħu u ġie relegat jorqod fuq is-sufan, talli addirittura kienu joħduh isarraf il-pensjoni tiegħu u jeħdulu l-flus kollha.

Sabiex Silvio Vella jgħaddi flusu lill-imputati, l-imputata Simone Xuereb kienet addirittura kkonvinċietu li t-tarbija li kien se jkollha kienet tiegħu, u dana anke billi żmien qabel hija qalet lil Silvio Vella li kellha tagħmel proċedura medika biex tinqabad tqila u anke ta l-isperma tiegħu mingħalih biex jintuża proprju ħalli jkollu it-tfal mingħandha. Sad-9 ta' Jannar 2020, il-pensjoni ta' Silvio Vella kienet tidħol fil-kont

bankarju tiegħu mal-Bank of Valletta p.l.c.[136], iżda minn wara dik id-data 'l hemm huwa beda jsarraf il-pensjoni tiegħu għandu Coppini u jgħaddi l-flus lill-imputati b'dana li hu, fi kliemu stess, ma kienx jara sold minnha din il-pensjoni. Mid-dokumentazzjoni esebita minn Martin Coppini, in rappreżentanza ta' W&J Coppini, waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2020[137], jirriżulta li bejn Frar 2020 u Mejju 2020 Silvio Vella sarraf b'ammont totali ta' **€4,275.36**, liema somma Vella jisħaq - u l-Qorti ma għandhiex raġuni għalfejn ma temmnux - li għaddiehom lill-imputati u hu ma rax sold minnhom. Dan ma kienx l-uniku telf patrimonjali li sofra Silvio Vella a causa ta' l-imputati Ian u Simone Xuereb in kwantu kien hemm ukoll il-ħruġ ta' diversi ċekkijiet li ma ssarfux, kwistjoni din li ser tiġi trattata iktar 'l isfel din is-sentenza u anke l-bejgħ ta' għodda u ta' l-armi.

Dana kollu waqaf meta finalment fl-aħħar ta' Mejju 2020, il-familjari ta' Silvio Vella, partikolarment Christian Vella u Karen Attard, bl-għajnuna tal-Pulizija Eżekuttiva, fetħulu għajnejh dwar l-imputati, kixfu li fil-verità ma kienux aħwa imma miżżewġin, u kkonvinċewh li dawn ma kienu qed jagħmlu xejn għajr li jittruffawh b'dannu notevoli għalih kemm materjalment kif ukoll psikoloġikament.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk il-Qorti tirribadixxi li a bażi tal-provi prodotti l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputati Ian u Simone Xuereb huma ħatja, *qua* awturi, tar-reat ta' truffa ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kapiltolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-aggravanti a tenur ta' l-Artikolu 310(1)(a) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta, a dannu ta' Silvio Vella.

Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 23 ta' Novembru 2022[138], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati flimkien sabiex jiġu iġġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 17, 18, 42(b), 308, 310(1)(a)(b)(ċ) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Bl-indikazzjoni ta' l-Artikolu 42(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali ġie li bagħat lill-imputati Ian u Simone Xuereb sabiex jiġu ġġudikati bħala kompliċi fir-reat ta' truffa a dannu ta' Silvio Vella u dana billi l-imsemmi artikolu tal-Liġi appuntu jipprovdi li: *Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija: ... (b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt. ...*

Fil-fehma tal-Qorti però mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li fir-rigward ta' Silvio Vella, l-imputati Ian u Simone Xuereb kienu awturi tar-reat ta' truffa fil-konfront tiegħu. Tali fatt ma għandux iwaqqaf u jippreskludi lill-Qorti milli issibhom hekk ħatja bħala awturi tar-reat ta' truffa a dannu ta' Silvio Vella in kwantu l-Artikolu 467(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Meta ma jiġix ippruvat li l-akkużat, jew xi wieħed mill-akkużati, kien l-awtur jew wieħed mill-awturi tar-reat miġjub fl-att ta' l-akkuża, iżda jiġi ppruvat li kien kompliċi jew li jkun ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat, il-ġuri jista' jiddikjara l-akkużat ħati bħala kompliċi f'dak ir-reat jew ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat; reċiprokament, meta persuna tkun akkużata, fl-att ta' l-akkuża, b'kompliċità f'reat il-ġuri jista' jiddikjara lil dik il-persuna ħatja ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat jew ħatja bħala l-awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat u jekk hija tkun akkużata b'kospirazzjoni għall-għemil ta' reat hija tista' tiġi dikjarata ħatja bħala*

[136] Vide rendikont esebit minn Joanne Bartolo in rappreżentanza tal-Bank of Valletta p.l.c., waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020, senjatament fol. 468 tal-proċess.
[137] Fol. 537 sa' 552 tal-proċess.
[138] Fol. 998 u 999 tal-proċess.

*kompliċi f'dak ir-reat jew bħala awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat, ikkunsmat jew ittentat, jekk ikun hemm provi ta' dan: Iżda meta persuna akkużata, fl-atti ta' l-akkuża b'kospirazzjoni għall-għemil ta' reat tiġi ddikjarata ħatja kif imsemmi qabel bħala awtur, jew wieħed mill-awturi, tar-reat, ikkunsmat jew ittentat, il-piena ma għandhiex tkun aktar gravi mill-piena mitluba fl-att ta' l-akkuża.*

Trattat ir-reat ta' truffa a dannu ta' Silvio Vella, il-Qorti ser tgħaddi biex tittratta d-diversi reati ta' truffa li qed jiġu mixlija bihom l-imputati bit-tieni sat-tmintax-il imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom, fir-rigward tal-vittmi TopChoice, Pavi Shopping Complex, ir-Reġistratur tal-Qrati, Camilleri Trading Limited, The First Years, JB Stores, Smart Supermarket, Ta' Ganza, Argus Insurance, Arry Enterprises Limited, Clint McKay, Il-Mitħna, India Limited, J.V. Pharma, LESA, Oliver Busuttil Insurance u Tal-Lira Limited.

Dawn l-imputazzjonijiet huma kollha bbażati fuq il-ħruġ da parte ta' Silvio Vella ta' diversi ċekkijiet, bejn l-aħħar ta' 2019 u Marzu 2020, għall-ħlas ta' diversi akkwisti magħmula għand jew servizzi prestati mill-persuni u/jew entitajiet indikati, meta kien jaf li fondi ma kienx hemm bil-konsegwenza li tali ċekkijiet ma ssarfux. L-imputati Ian u Simone Xuereb jidħlu f'din il-kwistjoni kollha, skond il-Prosekuzzjoni, bħala kompliċi ta' Silvio Vella fir-reat ta' truffa a dannu tal-persuni indikati, u di fatti fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 23 ta' Novembru 2022[139], l-Avukat Ġenerali bagħathom biex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba *inter alia* fl-Artikoli 42(b), 308 u 310(1)(a)(b)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu ġiegħlu li d-delitti in kwistjoni jsiru b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi.

Fir-rigward tar-reat ta' truffa fejn hemm l-emissjoni ta' ċekkijiet li ma jiġux onorati, apparte l-prinċipji ġuridiċi ġia iktar 'l fuq ċitati fir-rigward tar-reat ta' truffa *per se*, jinsab osservat mill-Qrati nostrali, ad eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Neville Spiteri**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' April 2024, li *in materja speċifika ta' emissjoni ta' cheques li sussegwentement ma jiġux onorati mill-bank li fuqu jkunu nħarġu, dejjem fil-kwadru ta' indaġini dwar ir-reat ta' frodi, il-Qrati tagħna esprimew ruħhom f'diversi sentenzi. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali addirittura rriteniet li jkun hemm ir-reat ta' truffa meta jiġi emess cheque li ma jiġix onorat mill-bank, anke meta preċedentement il-vittma digà kellu problemi biex isarraf cheques ta' l-akkużat li jikkonsenja merkanzija "on account". Anke fejn imbagħad l-imputat ikun in segwitu ħallas lura l-ammont ipprokurat bil-ħruġ ta' cheques li ma ġewx onorati, dan xorta waħda ma jfissirx li it-truffa ma tkunx saret. Ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Franco Farruga" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Frar 1985, ġie ritenut li: "Il-ħruġ ta' cheque fuq kont bla flus, jista' jkun proprju l-mezz ta' l-ingann adoperat biex jinduċi lil dak li jkun sabiex jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li iġġiblu telf partimonjali, bil-konsegwenti gwadann għall-aġent". Imbagħad fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Emmanuel Ellul" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' Ġunju 1997, ġie ritenut li: "Il-liġi tagħna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioè li dawn l-artifizji jew raġġiri, ikunu xi ħaġa komplikata jew arkitetta b'ħafna pjanijiet; in fatti l-liġi stess tindika l-forom ta' dawn l-artifizji jew raġġiri jistgħu jieħdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjonijiet ta' meta persuna b'kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simluazzjoni tagħti x'tifhem li għandha flus meta m'għandhiex. Meta wieħed joħroġ ċekk meta jkun jaf, jew messu kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak iċ-ċekk jista' jiġi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'waħda mill-*

[139] Fol. 998 u 999 tal-proċess.

*forom ikkontemplati fil-liġi tagħna." Illi minn dan kollu huwa ċar illi huwa rikonoxxut illi l-ħruġ ta' cheque in linea ta' ħlas lill-kreditur, minn kont bankarju li l-pagatur ikun jaf li ma jkunx fih biżżejjed fondi biex ic-cheque jiġi onorat, jissodisfa l-element materjali ta' l-ingann fir-reat ta' frodi.*

Fil-każ in eżami huwa fatt rikonoxxut li Silvio Vella ħareġ diversi ċekkijiet lil diversi nies u/jew entitajiet biex jissalda debiti magħhom, u dan fuq medda ta' żmien relattivament qasir, partikolarment bejn l-aħħar ta' l-2019 u Marzu 2020, bl-iktar ċekkijiet maħruġa bejn nofs Frar 2020 u nofs Marzu 2020, hekk kif joħroġ mid-dokumenti esebiti minn Joanna Bartolo u Silvio Chetcuti, entrambe in rappreżentanza tal-Bank of Valletta p.l.c., Dok. "BOV" a fol. 449 sa' 475 tal-proċess u Dok. "BOV1" a fol. 678 tal-proċess, meta kien jaf li dawn l-istess ċekkijiet ma setgħux jissarfu għaliex ma kienx hemm fondi biżżejjed fil-kont bankarju tiegħu. In-nuqqas ta' fondi fil-kont bankarju tiegħu kien dettat mill-fatt ukoll li l-pensjoni tiegħu ma kenitx qed tidħol fil-kont iżda kien qed isarrafha u jgħaddi l-flus kollha lill-imputati a bażi tal-messa in scena sħiħa li huma ħolqu bl-iskop li jittruffawh. Għalkemm dawn l-flus kienu f'idejn l-imputati, huma ġiegħlu lil Silvio Vella jħallas għal dawn l-akkwisti u/jew servizzi permezz ta' ċekkijiet, liema ċekkijiet appuntu komplew jnaqqsu l-flejjes ta' Vella a dannu tiegħu kif ukoll tal-kredituri varji għaliex dawn iċ-ċekkijiet spiċċaw biex ma setgħux jissarfu.

Fil-fehma tal-Qorti jirriżulta ppruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli li Silvio Vella kien tant invagit bl-imputata Simone Xuereb li kien jagħmel kollox għaliha u hi u l-imputat Ian Xuereb, illi kienu preżenti miegħu kull meta saru l-akkwisti, approfittaw ruħhom minn din il-vulnerabilità ta' Vella biex ġiegħluh jixtri diversi affarijiet u oġġetti, li prinċipalment gawdew minnhom huma biss bħal ad eżempju t-television, soundbar u PlayStation 4, meta kienu jafu ben tajjeb li flus biex jinxtraw dan l-affarijiet ma kienx hemm, anke għaliex, kif appena osservat, il-pensjoni ta' Silvio Vella ma baqgħetx tidħol fil-kont bankarju tiegħu iżda wara li jsarrafha kien jgħaddiha lilhom. Eżempju ċar illi kienet proprio l-messa in scena imwettqa mill-imputati fil-konfront ta' Silvio Vella li waslitu biex joħroġ iċ-ċekkijiet in kwistjoni, huma l-akkwisti li saru mingħand The First Years, akkwisti li appuntu saru għaliex Vella kien mingħalih li l-imputata Simone Xuereb kien se jkollha tarbija tiegħu. Anke l-ħlas tal-multi ta' l-imputata Simone Xuereb huwa turija ċara li Vella kien jagħmel dak li jgħidulu l-imputati a skapitu ta' kollox, anke a skapitu tal-fatt li bl-emissjoni taċ-ċekk lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali fl-ammont ta' €1,500 meta ma kienx hemm fondi biex dana jiġi onorat, Silvio Vella kien qed iwettaq reat ta' truffa a dannu ta' l-imsemmi Reġistratur.

Minkejja dak appena osservat u għalkemm il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputati Ian u Simone Xuereb kienu kompliċi fit-twettiq tar-reat ta' truffa a dannu ta' l-istra maġġoranza tal-persuni u/jew entitatjiet imsemmija fl-imputazzjonijiet relattivi dedotti fil-konfront tagħhom, tali prova lil hinn minn kull dubju raġonevoli però ma saritx relattivament għall-imputazzjoni numru għaxra u għall-imputazzjoni numru sittax dedotti fil-konfront tagħom, fejn l-allegati vittimi huma Argus Insurance u l-LESA.

Fir-rigward ta' Argus Insurance, Daniel Cutajar xehed illi ċ-ċekk maħruġ minn Silvio Vella biex titħallas l-insurance kien issarraf u ma kienx hemm kwistjonijiet. Bl-istess mod Noel Swain, in rappreżentanza ta' LESA, ukoll xehed illi ċ-ċekk maħruġ minn Silvio Vella biex titħallas kontravvenzjoni kien issarraf u ma kienx hemm pendenzi oħra. Konsegwentement għalhekk l-imputati ma għandhomx jinstabu ħatja ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet partikolari, filwaqt li għandhom jinstabu ħatja bħala komplici ai

termini ta' l-Artikolu 42(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għar-reat ta' truffa ai temrini ta' l-Artikoli 308 u 310(1)(b)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha.

Għalkemm fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 23 ta' Novembru 2022[140], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati flimkien sabiex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 17, 18, 31, 42(b), 309, 310(1)(a)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dawn evidentement huma alternattivi għall-artikoli ċitati fir-rigward tar-reat ta' truffa ai termini ta' l-Artikoli 308 u 310(1)(a)(b)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-imsemmija artikoli tal-Liġi indikati mill-Avukat Ġenerali in kwantu marbuta mar-reat ta' frodi nnominata.

**L-imputazzjoni numru 19 dedotta fil-konfront ta' l-imputati flimkien:**

Bl-imputazzjoni numru 19 dedotta fil-konfront tagħhom, l-imputati flimkien qed jiġu mixlija talli approprjaw ruħhom billi dawru bi profitt għalihom jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilhom taħt titlou illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat għad-detriment ta' Silvio Vella.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 23 ta' Novembru 2022[141], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati flimkien sabiex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 17, 18, 293, 294, 310(1)(a)(b)(ċ) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni partikolari, ikkunsidrata fid-dawl tal-fatt li mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputati Ian u Simone Xuereb għandhom jinstabu ħatja tar-reat ta' truffa a dannu ta' Silvio Vella, il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Elena Gulia llum Gauci u Omissis**, deċiża fis-6 ta' Marzu 2024, fir-rigward tar-reat ta' misapproprazzjoni u tar-reat ta' truffa, u cioè li huma *żewġ reati li fil-ġurisprudenza assodata tal-qrati tagħna, huma inkompatibbli u reċiprokament esklussivi bir-riżultat li dwar l-istess fatti, ma tista' qatt tinsab ħtija kriminali konkorrenti, cioè għar-reat ta' frodi fl-istess waqt ukoll għar-reat ta' misapproprjazzjoni. Dan qed jingħad għaliex mentri fir-reat ta' frodi l-qligħ ikun ġie perċepit mill-aġent tar-reat bl-użu ta' mezzi qarrieqa, fir-reat ta' misapproprjazzjoni, l-oġġett akkwistat mir-reat għad illi jkun ġie fil-pussess ta' l-aġent tar-reat legalment taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu li jsir użu minnu speċifikat, jiġi mdawwar illegalment mill-aġent tar-reat bi profitt għalih innifsu jew għal ħaddieħor. Dwar ir-reat ta' misapproprjazzjoni taħt l-Artikolu 292 u l-artikolu 294 tal-Kap.9 ingħad: "Illi għalhekk, l-element ewlieni li jikkostitwixxi dan ir-reat "mhuwiex l-użu ta' l-ingann da parti ta' l-aġent biex jottjeni l-oġġett, iżda l-inverżjoni tat-titolu tal-pussess tal-ħaġa li l-aġent ikun ottjena mingħand is-suġġett passiv bil-libera volontà ta' dan." Dan l-element jikkozza intrinsikament ma' l-element ewlieni fir-reat ta' frodi li kif rajna, jikkonsisti fl-użu ta' mezzi llegali, ossia l-ingann, biex jinkiseb il-ħaġa formanti l-oġġett tar-reat. Kif ritenut f'sentenza riċenti tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali:- "Fi kliem ieħor, għalkemm it-truffa u l-approprjazzjoni indebita huma simili in kwantu jippenalizzaw dak il-komportament inġust tas-suġġett attiv*

[140] Fol. 998 u 999 tal-proċess.
[141] Fol. 998 u 999 tal-proċess.

*tar-reat li jagħmel 'lucro' bi ħsara ta' ħaddieħor, teżisti distinzjoni importanti bejn it-tnejn. Dak li jiddistingwi reat minn ieħor huwa l-mod ta' kif l-aġent tar-reat ikun ġie fil-pussess ta' l-oġġett li minnu jsir gwadann qarrieqi jkun ġie a sua volta ottjenut mill-aġent tar-reat b'ingann. Mill-banda l-oħra fil-każ ta' l-approprjazzjoni indebita, l-aġent tar-reat, għad li xorta wħada jkun opera xi forma ta' qerq, ma jkunx ottjena b'ingann l-oġġett li minnu jkun għamel gwadann inġust"*[142].

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, ladarba l-imputati flimkien irriżultaw li huma ħatja tar-reat ta' truffa a dannu ta' Silvio Vella, u għandhom jiġu hekk iddikjarati ħatja, din il-Qorti ma tistax u ma għandhiex issib ħtija fihom għar-reat ta' misappropriazzjoni. Konsegwentement għalhekk l-imputazzjoni numru 19 dedotta fil-konfront ta' l-imputati flimkien għandha titqies bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom, u għaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

**L-imputazzjoni numru 20 dedotta fil-konfront ta' l-imputati flimkien:**

Bl-imputazzjoni numru 20 dedotta fil-konfront tagħhom flimkien, l-imputati qed jiġu mixlija talli wżaw vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika u, jew sfurzar, sabiex ġiegħlu jagħmel, iħallu ssir, jew jonqsu milli jagħmel xi ħaġa jew sabiex inaqqsu l-abilitajiet jew iżolaw jew illimitaw l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad-detriment ta' Silvio Vella, persuna vulnerabbli u dana meta kienu qed jgħixu miegħu. Dan huwa r-reat ta' vjolenza kontra l-privat previst fl-Artikolu 251 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 23 ta' Novembru 2022[143], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati flimkien sabiex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 17, 18, 31, 202, 208AĊ(2), 251, 251H, 251HA u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li l-Qorti qieset il-provi bir-reqqa, tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-ħtija ta' l-imputati għal dan ir-reat lil hinn minn kull dubju raġonevoli.

Filwaqt li ma hemmx dubju li l-imputati bir-raġġiri u messa in scena mwettqa minnhom kellhom l-intenzjoni li jittruffaw lil Silvio Vella, u fil-fatt irnexxielhom f'tali intenzjoni, il-Qorti ma tqisx li kien hemm użu ta' vjolenza, inkluż vjolenza morali u/jew psikoloġika u/jew sfurzar da parte tagħhom fil-konfront ta' l-istess Vella.

Silvio Vella stess bl-ebda mod ma stqarr u xehed illi f'xi ħin l-imputati wettqu xi forma ta' vjolenza fiżika fuqu. Stqarr u xehed li huwa verament kien mitluf wara l-imputata Simone Xuereb u li l-imputati approfittaw ruħhom minn din il-vulnerabilità tiegħu biex ġiegħluh jagħmel dak kollu li jridu huma, dan intiż f'sens ta' għoti ta' flus lilhom jew billi jgħaddilhom il-pensjoni kollha tiegħu jew billi jbiegħ l-oġġetti personali tiegħu biex huma dejjem ikollhom il-flus f'idejhom, iżda dak li rriżulta mix-xhieda tiegħu kien appuntu r-reat ta' truffa iktar milli r-reat ta' vjolenza kontra l-privat.

B'hekk, filwaqt li l-aġir ta' l-imputati Ian u Simone Xuereb fil-konfront ta' Silvio Vella ma jistax għajr li jitqies bħala aġir kriminali u b'hekk kundanabbli, tali aġir ma jaqax entro l-parametri tar-reat previst fl-Artikolu 251 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[142] Il-Pulizija v. Giuseppe Azzopardi, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-22 ta' Lulju 2021.
[143] Fol. 998 u 999 tal-proċess.

Konsegwentement għalhekk l-imputati għandhom jiġu liberati mill-imputazzjoni numru 20 dedotta fil-konfront tagħhom.

**L-imputazzjonijiet numru 21 u 22 dedotti fil-konfront ta' l-imputati flimkien:**

Bl-imputazzjonijiet numru 21 u 22 dedotti fil-konfront tagħhom flimkien, l-imputati qed jiġu mixlija talli: (21) Kellhom fil-pussess tagħhom, għal liema għan ikun, armi regolari mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; (22) Żammew f'xi fond jew kellhom fil-pussess tagħhom armi regolari jew munizzjon mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 23 ta' Novembru 2022[144], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati flimkien sabiex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 17, 18, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 3, 5 u 51(1) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ma hemmx dubju li hawn il-Prosekuzzjoni qed tirreferi għall-armi li kellu Silvio Vella fir-residenza tiegħu u li huwa jgħid illi ttieħdulu mill-imputati biex biegħhom jew selfuhom ħalli jiġbru flus minnhom. Il-Qorti għal darb' oħra ma ssib l-ebda raġuni għalfejn ma għandhiex temmen lil Silvio Vella illi l-imputati ħadulu wħud mill-armi li kellu fir-residenza tiegħu u ddisponew minnhom.

Mix-xhieda mogħtija minn RPC3141 Janet Cicala[145], in rappreżentanza tal-Weapons Office, jirriżulta li la l-imputat Ian Xuereb u lanqas l-imputata Simone Xuereb ma kellhom liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jipposjedu armi tan-nar, li ai termini ta' l-Artikolu 64 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jitqies li huma armi regolari. Fid-dawl ta' dan għalhekk meta huma ħadu dawn l-armi u ddisponew minnhom, hekk kif affermat minn Silvio Vella, jirriżulta li fil-fatt kellhom fil-pussess tagħhom għal liema għan ikun, armi regolari mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. B'hekk l-imputati għandhom jinstabu ħatja ta' l-imputazzjoni numru 21 dedotta fil-konfront tagħhom.

Raġġunta din il-konklużjoni, il-Qorti tqis li ma għandhiex għalfejn tikkonsidra l-imputazzjoni numru 22 dedotta fil-konfront ta' l-imputati u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

**L-imputazzjonijiet numru 23 u 24 dedotti fil-konfront ta' l-imputati:**

Bl-imputazzjonijiet numru 23 u 24 dedotti fil-konfront tagħhom, l-imputati qed jiġu mixlija talli: (23) Għamlu użu minn vettura b'numru ta' reġistrazzjoni HBG-714 ta' l-għamla Toyota mingħajr ma kellhom liċenzja tas-sewqan mill-awtorità dwar it-trasport ta' Malta taħt dik il-kategorija għall-imsemmija vettura; (24) Għamlu użu minn vettura b'numru ta' reġistrazzjoni HBG-714 ta' l-għamla Toyota mingħajr ma kienu koperti b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 23 ta' Novembru 2022[146], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati flimkien sabiex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet

---

[144] Fol. 998 u 999 tal-proċess.
[145] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ġunju 2021, fol. 609 u 610 tal-proċess.
[146] Fol. 998 u 999 tal-proċess.

maħsuba fl-Artikoli 17, 18, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Li l-vettura ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni HBG-714 inxtrat fiż-żmien meta l-imputati Ian u Simone Xuereb kienu qed jiffrekwentaw u addirittura jgħixu ma' Silvio Vella, u li parti mill-ħlas ta' din il-vettura sar bi partit mal-vettura li kellu l-istess Silvio Vella, huma fatti indiskussi. Dawn jirriżultaw ukoll mix-xhieda mogħtija minn Brandon Briffa waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ġunju 2022[147] fejn esebixxa l-kuntratt ta' l-akkwist tal-vettura datat 29 ta' April 2020. Silvio Vella xehed illi din il-vettura huwa qatt ma saqha sakemm l-imputati kienu għadhom jgħixu miegħu għaliex dejjem kienet fil-pussess ta' u tinstaq minnhom u huwa dejjem kien jirkeb wara meta kien ikun fil-karozza magħhom.

Jirriżulta wkoll li dakinhar li l-imputati marru biex jiġbru l-affarijiet tagħhom mir-residenza ta' Silvio Vella, ossia fis-27 ta' Mejju 2020, waslu fuq il-post bil-vettura in kwistjoni u, kieku ma waqfuhomx il-Pulizija, kienu ser jitilqu minn fuq il-post bl-istess vettura. Jirriżulta wkoll, hekk kif ser jiġi kkunsidrat iktar 'l quddiem f'din is-sentenza, li dakinhar stess tas-27 ta' Mejju 2020 iktar tard matul il-ġurnata, l-imputati ħadu l-vettura minn quddiem ir-residenza ta' Silvio Vella waqt li huwa kien jinsab l-Isptar u ħallewha pparkjata f'Buġibba ftit il-bogħod mir-residenza fi Triq ix-Xitwa, Buġibba.

Mix-xhieda mogħtija minn Vanessa Camilleri[148], in rappreżenta ta' Transport Malta, u d-dokumenti esebiti minnha markati bħala Dok. "TM1" a fol. 367 sa' 373 tal-proċess, jirriżulta li l-imputata Simone Xuereb ma għandhiex liċenzja tas-sewqan filwaqt li l-imputat Ian Xuereb kellu l-liċenzja tas-sewqan tiegħu revokata bejn l-1 ta' April 2020 sa' l-1 ta' Awwissu 2020. Minn dan jirriżulta għalhekk li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputati huma ħatja talli għamlu użu minn vettura b'numru ta' reġistrazzjoni HBG-714 ta' l-għamla Toyota mingħajr ma kellhom liċenzja tas-sewqan mill-awtorità dwar it-trasport ta' Malta taħt dik il-kategorija għall-imsemmija vettura. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti għandha ssibhom ħatja ta' l-imputazzjoni numru 23 dedotta fil-konfront tagħhom.

In kwantu rigwarda l-imputazzjoni numru 24 dedotta fil-konfront ta' l-imputati, ladarba l-imputata Simone Xuereb ma kellhiex fiż-żmien pertinenti liċenzja tas-sewqan u l-imputat Ian Xuereb, fiż-żmien pertinenti, kellu l-liċenzja tas-sewqan tiegħu revokata, il-Qorti għandha ssibhom ħatja wkoll ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom stante li la ma kienux debitament liċenzjati biex isuqu ċertament ma setgħux ikunu koperit b'polza ta' l-assikurazzjoni fir-rigward ta' sewqan ta' vettura.

Fir-rigward ta' din l-aħħar osservazzjoni l-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Gatt, Appell Nru. 265/2014** deċiża fit-18 ta' Jannar 2016: *illi minkejja li l-polza ta' assikurazzjoni tkopri biss lill-persuna li ċertament mhix l-appellant* [is-sewwieq fil-proċeduri in kwistjoni]*, l-istess appellant jargumenta li kien debitament assikurat u jagħmel dan għal żewġ raġunijet. L-ewwel argument tiegħu hu li l-policy schedule fil-paġna 19, jiġifieri dik sfilzata minn din il-Qorti, tipprovdi dwar dan. Bid-dovut rigward, il-paragrafu ċitat mill-appellant ma jgħidx, wisq anqas, jipprovdi dak pretiż mill-appellant iżda jghid biss illi f'każ li l-assikurazzjoni tkun kostretta tagħmel tajjeb*

[147] Fol. 950 sa' 953 tal-proċess u d-dokument markat Dok. "BB" a fol. 954 tal-proċess.
[148] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020, fol. 365 u 366 tal-proċess.

*għall-eventwalitajiet hemm imsemmija skond il-liġi, ikollha dritt li tirkupra dak il-ħlas mingħand il-persuna li minħabba fiha ikun sar il-ħlas. L-appellant imbagħad, in sostenn tat-tieni raġuni fl-aggravju tiegħu, jagħmel referenza għal sentenzi ta' din il-Qorti Il-Pulizija vs Angelo Scuderi (App Krim 3.11.2005) u Il-Pulizija vs Mirko Giannetti (App Krim 22.1.2014). B'dan, l-appellant irid issaħħah l-argument tiegħu illi la darba l-assikurazzjoni hi dejjem marbuta tagħmel tajjeb għal dejn ċivili favur terzi skond il-liġi, allura s-sewwieq ta' vettura huwa dejjem assikurat. Issa, traċċjat l-insenjament tal-Qrati tul iż-żmienijiet, jidher illi sas-sena 2005, l-Qrati tagħna dejjem fehemu dak li fis-semplicità tiegħu jipprovdi l-artikolu 3 tal-Kap 104, jiġifieri li ħadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk ma jkunx debitament assikurat biex jagħmel dan. Dik is-sentenza iżda tippernja fuq id-doveri tal-kumpaniji tal-assikurazzjoni u bid-dovut rigward, l-obbligi u l-kundizzjonijiet li l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jassumu mal-Awtoritajiet kompriż ir-Regolatur, sabiex tinħarġilhom u jżommu fis-seħħ il-liċenzji tagħhom bħala assikurazzjoni kompriż l-obbligi tagħhom li jieħdu sehem f'pool bħala insurers concerned ma jistgħax jitqies li jeżonera lil kull sewwieq mill-obbligi tiegħu taħt il-Kapitolu 104. Tant hu hekk illi, għad li s-sentenza fl-ismijiet Scuderi kien font ta' referenza ghal diversi kawżi anke jekk mhix dejjem segwita, l-Qorti tal-Appell kellha ripensament u fis-sentenza tagħha Il-Pulizija vs Andre Apap tal-4 ta' Frar, 2011 rriteniet illi ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi tagħha Il-Pulizija vs Angelo Scuderi (3.11.2005), Il-Pulizija vs Stefan Apap (26.4.2007) u Il-Pulizija vs Charles Galea (7.5.2007) u oħrajn "dwar meta tiskatta l-preżunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 huwa ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu..". Din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tagħti xi interpretazzjoni diversa ghal-artikolu 3(1) u 3(1A) tal-Kapitolu 104 u għalhekk tqis illi l-appellant ma kienx debitament assikurat.*

Jiġi osservat ukoll illi mill-fedina penali ta' l-imputata Simone Xuereb jirriżulta li din ma hijiex l-ewwel darba li hija nstabet ħatja li saqet vettura mingħajr ma kienet koperta bil-polza ta' assikurazzjoni.

**L-imputazzjoni numru 25 dedotta fil-konfront ta' l-imputati flimkien:**

Bl-imputazzjoni numru 25 dedotta fil-konfront ta' l-imputati flimkien, huma qed jiġu mixlija talli nhar is-27 ta' Mejju 2020, fil-ħinijiet ta' bejn il-15:00hrs u 00:00hrs, ġewwa Marsaskala, ikkommettew serq ta' vettura minn Triq Sant' Antnin, Marsaskala, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-persuna, bil-ħin u bil-mezz u dan għad-detriment ta' Silvio Vella.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 23 ta' Novembru 2022[149], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati flimkien sabiex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 17, 31, 261, 263, 265, 267, 268, 270, 279(a)(b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda l-elementi r-reat ta' serq issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Adrian Valletta**, deċiża fit-12 ta' Marzu 2019 fejn ingħad: *il-Qorti għalhekk tħoss li f'dan l-istadju għandha tagħmel apprezzament ta' dritt u cioè tagħti tifsira tal-kunċett ta' serq, u cioè tar-reat kontra l-proprjetà ta' terzi per eċċellenza jew aħjar kif jgħid il-Manzini - 'l'oggetto generico della tutela penale (b'referenza għal dan ir-reat) è l'interesse pubblico riguardante*

[149] Fol. 998 u 999 tal-proċess.

*l'inviolabilità del patrimonio'. Jekk wieħed janalizza l-Kodiċi Penali tagħna, ma jsibx definizzjoni tal-kunċett ta' serq, għalhekk n-nozzjoni ta' serq tista' prima facie tidher faċli u ta' intelliġenza volgari, madanakollu r-reat ta' serq dejjem ta' lok għal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati tagħna li jadoperaw id-definizzjoni mogħtija minn Carrara fil-Programma Speciale Vol. IV para 2017 - vide fl-ismijiet Il-Pulizija v. Tanti. Il-Carrara jgħid: "il furto è la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro". Għalhekk jirriżulta minnufih li sabiex jissussisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioè: 1. il-contractatio tal-ħaġa, 2. li tappartjeni lil terzi, 3. magħmula b'mod frawdolenti, 4. mingħajr l-kunsens tas-sid, u 5. animo lucrandi. Għalhekk meta ngħidu li sabiex jissusisti s-serq il-contractatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti rridu nfissru li t-teħid ta' l-oġġett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittieħed mingħand terzi, jiġifieri li t-teħid qed isir għad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jiġi pruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss it-teħid tar-res aliena iżda l-intenzjoni li ser isir akkwist - animo di farne lucro. Il-kontraċetazzjoni ma hiex biżżejjed imma hemm bżonn li tkun saret invito domino u luci faciendi gratia. In fatti r-rekwiżit speċjali għas-serq huwa li wieħed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantaġġ jew benefiċċju minn ħaġa li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jiġi pruvat huwa l-pussess ta' l-oġġett li jrid jiġi prodott minn kull teħid illeġittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jgħid Manzini "presupposto essenziale del furto è la mancanza del possesso del agente". Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'għandux interess fl-oġġett jew aħjar abbanduna l-istess oġġett, minn jieħu dan l-oġġett ma jistgħax jinsab ħati ta' serq, se mai ta' misappropriazzjoni. Fil-fatt, kif già ġie spjegat fil-kawza "Il-Pulizija v. S. Pisani", il-Qorti qalet li sabiex jeżisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oġġett irid jiġi meħud, iżda li t-terz jiġi spussessjat mill-oġġett. Kwantu għar-rekwiżit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm taċitu. F'ċirkostanzi eċċezzjonali jista' jkun preżunt, u allura l-buone fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wieħed m'għandux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantaġġ, sodisfazzjoni, utili, pjaċir, benefiċċju jew komodu li l-ħati jkollu fi ħsiebu li jipprokura. Carrara jgħid: "avvengache per lucro qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vontaggio o sodisfazione procurata a sè stesso".*

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-vettura ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni HBG-714, ġiet akkwistata fid-29 ta' April 2020, in parti bi tpartit tal-vettura ta' Silvio Vella, u hija reġistrata fuq isem l-istess Silvio Vella. Jirriżulta wkoll li meta l-imputati marru biex jiġbru l-affarijiet tagħhom mir-residenza ta' Silvio Vella dakinhar tas-27 ta' Mejju 2020, huma ma tħallewx jitilqu bil-vettura in kwistjoni minn fuq il-post u l-Pulizija ordnawlhom biex iħallu l-vettura hemm u ħadulhom iċ-ċavetta wkoll.

Dakinhar stess bil-lejl, meta Christian Vella mar fir-residenza ta' Silvio Vella biex ibiddel is-serratura tal-bieb, induna li l-vettura in kwistjoni ma kenitx għadha hemm u rrappurta dan in-nuqqas mill-ewwel mal-Pulizija. L-Ispettur Eman Hayman xehed illi malli ra r-rapport dwar is-serq tal-vettura huwa mill-ewwel ikkomunika ma' l-imputati li ma ċaħdux li kienu huma li ħadu l-vettura iżda qalulu li kienu ħaduha Ħal-Luqa. Il-Pulizija marret tfittex il-vettura Ħal-Luqa iżda ma sabuhiex u kien biss wara li din instabet ipparkjata Buġibba fl-akkwati ta' Triq ix-Xitwa.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti, fejn anke kien hemm ammissjoni da aprte ta' l-imputati ma' l-Ispettur Hayman li kienu huma li ħadu l-vettura in kwistjoni, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputati huma ħatja tar-reat tas-serq tal-vettura ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni HBG-714, liema reat huwa aggravat bil-mezz, in kwantu l-imputati kienu qalu lill-Pulizija li ma kienx hemm ċwievet oħra tal-vettura u bil-valur.

In kwantu rigwarda l-kwalifiki tal-ħin u tal-persuna, il-Qorti tqis li dawn ma jissussistux għar-raġuni li ma tressqitx prova tal-ħin eżatt li ttieħedet il-vettura u l-parametru mogħti fl-imputazzjoni huwa f'xi ħin bejn il-15:00hrs u 0:00hrs, u l-elementi rikjesti għall-kwalifika tal-persuna ma jissussitux lanqas. u bil-persuna.

Għaldaqstant l-imputati għandhom jinstabu ħatja ta' l-imputazzjoni numru 25 dedotta fil-konfront tagħhom, limitatament però għall-kwalifika tal-mezz u tal-valur.

**L-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat Ian Xuereb waħdu:**

Bl-imputazzjoni numru 26, l-imputat Ian Xuereb waħdu qed jiġi mixli li kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti fuqu b'digriet datat 21 ta' Frar 2020 mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Mgt. Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D. u li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet marbuta b'somma ta' €5,000 bħala garanziji personali.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 23 ta' Novembru 2022[150], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat Ian Xuereb waħdu sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 17, 533 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalkemm fl-atti hemm esebit Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo datat 21 ta' Frar 2020 - fol. 46 tal-proċess - fil-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Ian Xuereb", ma hemm assolutament l-ebda prova li tikkonferma lil hinn minn kull dubju raġonevoli li dak id-Digriet kien inħareġ fil-konfront ta' l-imputat Ian Xuereb f'dawn il-proċeduri. Għad illi jidher li l-uffiċjal Prosekutur f'dawk il-proċeduri kien l-Ispettur Hubert Cini, dana ma ġiex imħarrek biex jikkonferma li d-Digriet in kwistjoni nħareġ fil-konfront ta' l-imputat odjern, konferma din li kienet partikolarment meħtieġa fid-dawl tal-fatt li fuq id-Digriet in kwistjoni ma hemmx indikat imqar in-numru tal-Karta ta' l-Identità ta' l-imputat.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk u fin-nuqqas tad-debita prova ai termini tal-Liġi, il-Qorti tqis li ma għandhiex u ma tistax issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni numru 26 dedotta fil-konfront tiegħu waħdu.

Bl-imputazzjoni numru 27, l-imputat Ian Xuereb waħdu qed jiġi mixli talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga erojina, speċifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordninanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li

[150] Fol. 998 u 999 tal-proċess.

jkollou d-droga msemmija fil-pussess tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-imputazzjoni tista' tiġi kkunsidrata minn din il-Qorti in vista tal-Kontro-Ordni maħruġ mill-Avukat Ġenerali fit-23 ta' Novembru 2022[151].

Għalkemm mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat Ian Xuereb kien jabbuża mid-droga, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imsemmi imputat huwa ħati ta' pussess ta' droga erojina. In effetti ma ġiet esebita l-ebda sustanza biex din setgħet fl-ewwel lok tiġi assoċjata ma' l-imputat Ian Xuereb u fit-tieni lok analizzata sabiex jiġi determinat x'tip ta' droga hi u lanqas ma ġew esebiti d-diversi oġġetti relatati ma' l-abbuż ta' droga li instabu fil-kamra tas-sodda li kienu jagħmlu użu minnha l-imputati Ian u Simone Xuereb, biex l-istess jiġu eżaminati għat-traċċi ta' xi droga speċifika, fil-każ in eżami d-droga erojina.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk u minħabba nuqqas ta' provi meħtieġa ai termini tal-Liġi, il-Qorti tqis li ma għandhiex u ma tistax issib lill-imputat Ian Xuereb ħati ta' l-imputazzjoni numru 27 dedotta fil-konfront tiegħu.

**L-addebitu tar-reċidiva:**

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti tittratta lill-imputati Ian Xuereb u Simone Xuereb bħala persuni reċidivi ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Minn eżami tal-provi prodotti fir-rigward il-Qorti tqis li tista' tittratta bħala reċidiva lill-imputata Simone Xuereb biss u dana limitatament ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi bis-sentenzi ppreżentati fil-konfront tagħha - konfermat dan mill-konnotati li jidhru fuq l-istess sentenzi - Dok. "PL1" u Dok. "PL2" (b'mod partikolari din ta' l-aħħar), ġew sodisfatti biss l-estremi stipulati fl-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux ukoll l-estremi stipulati fl-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda l-imputat Ian Xuereb il-Qorti ma tistax tittratta miegħu bħala reċidiv minħabba nuqqas ta' prova ai termini tal-Liġi fir-rigward.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputati Ian Xuereb u Simone Xuereb qed jinstabu ħatja. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imsemmija imputati ma wrew assolutament l-ebda rimors għal dak li għamlu lil Silvio Vella.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-imputazzjonijiet numru 19 u 22 dedotti fil-konfront ta' l-imputati flimkien, filwaqt ukoll

[151] Fol. 998 tal-proċess.

li ma ssibx lill-imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet numru 10, 16 u 20 dedotti fil-konfront tagħhom flimkien u b'hekk tilliberahom minnhom u filwaqt ukoll li ma issibx lill-imputat Ian Xuereb ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu waħdu, ossia l-imputazzjonijiet numru 26 u 27, u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat u kkunsidrat:

A. L-Artikoli 17(b), 18, 31, 42(b), 261(b)(ċ), 263(a), 264(1), 267, 278(1)(2), 279(b) u l-proviso ta' l-istess, 308, 310(1)(a)(b) u l-proviso ta' l-istess u (ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 3(a) u 51(1)(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(1)(1A)(2a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-**imputat Ian Xuereb** ħati ta' l-imputazzjonijiet numru 1 sa' 9, 11 sa' 15, 17 u 18, 21, 23, 24, 25, limitatamen però din l-imputazzjoni għall-kwalifika tal-mezz u tal-valur, u tikkundannah għall-perijodu ta' tlett (3) snin priġunerija effettiva.

   Minn dan it-terminu ta' tlett (3) snin priġunerija effettiva għandu jitnaqqas dak iż-żmien li l-imputat Ian Xuereb għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

   Ai termini ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat Ian Xuereb qed jiġi skwalifikat milli jkollu liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' tlettax-il (13) xahar dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

U wara li rat u kkunsidrat:

B. L-Artikoli 17(b), 18, 31, 42(b), 49, 261(b)(ċ), 263(a), 264(1), 267, 278(1)(2), 279(b) u l-proviso ta' l-istess, 308, 310(1)(a)(b) u l-proviso ta' l-istess u (ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 3(a) u 51(1)(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(1)(1A)(2b) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-**imputata Simone Xuereb** hatja ta' l-imputazzjonijiet numru 1 sa' 9, 11 sa' 15, 17 u 18, 21, 23, 24, 25, limitatament però din l-imputazzjoni għall-kwalifika tal-mezz u tal-valur, u tikkundannaha għall-perijodu ta' tlett (3) snin priġunerija effettiva.

   Minn dan it-terminu ta' tlett (3) snin priġunerija effettiva għandu jitnaqqas dak iż-żmien li l-imputata Simone Xuereb għamlet taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

   Ai termini ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputata Simone Xuereb qed tiġi skwalifikata milli tikseb liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' tlettax-il (13) xahar dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputati Ian Xuereb u Simone Xuereb, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu lil Silvio Vella is-somma ta' €4,275.36, rappreżentanti dawk l-ammonti li l-imsemmi Silvio Vella sarraf għand Coppini u għaddihom lill-imputati kif spjegat iktar 'l fuq f'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputati Ian Xuereb u Simone Xuereb Ordni ta' Trażżin għall-fini li

tipprovdi għas-sigurtà ta' Silvio Vella. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputati Ian Xuereb u Simone Xuereb bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqhom bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tagħhom kif ukoll ir-responsabilità tagħhom f'każ li jiksru xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jistgħu jiġu kkundannati għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**